IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.5.2021
COM(2021) 247 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (mill-2021 sal-2026)

ANNESS I
PROTOKOLL TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA GĦAS-SETTUR TAS-SAJD BEJN IR-REPUBBLIKA TAL-GABON U L-KOMUNITÀ EWROPEA (MILL-2021 SAL-2026)

Wara li kkunsidraw il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Partijiet, b'mod partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn il-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ix-xewqa komuni tagħhom li jsaħħu din ir-relazzjoni,

il-Partijiet ta' dan il-Protokoll,

huma Partijiet tal-Ftehim ta' Sħubija għas-Sajd Sostenibbli bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim",

filwaqt li jfakkru d-dispożizzjonijiet tal-ftehim,

filwaqt li jfakkru wkoll il-prinċipju li l-Istati kollha jridu jadottaw miżuri xierqa biex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi marini u jikkooperaw flimkien għal dak il-għan,

filwaqt li jaffermaw mill-ġdid l-objettiv li jiġi żgurat sfruttament sostenibbli tal-eċċess tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

filwaqt li jaffermaw ukoll mill-ġdid l-objettiv li jiġi żgurat l-isfruttament u l-ġestjoni komuni sostenibbli tal-istokkijiet kondiviżi,

filwaqt li huwa importanti li tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka xjentifika,

ftiehmu kif ġej:

PARTI I: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Definizzjonijiet applikabbli għal dan il-Protokoll

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1 tal-Ftehim. Barra min hekk,

"attività tas-sajd" tfisser tiftix għall-ħut, it-tfigħ, il-kalar, it-tkarkir jew l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd;

"awtoritajiet tal-Unjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"awtoritajiet tal-Gabon" tfisser il-ministeru għas-Sajd tal-Gabon;

"qabdiet" tfisser speċijiet akkwatiċi tal-baħar maqbuda minn irkaptu tas-sajd kalat minn bastiment tas-sajd;

"ħatt l-art" tfisser l-iżbark ta' kwalunkwe kwantità ta' prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd;

"delegazzjoni" tfisser id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Gabon;

"tilwim serju" tfisser nuqqas ta' qbil li jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Protokoll u li jxekkel l-implimentazzjoni tiegħu;

"tagħmir biex jinġema' l-ħut" tfisser oġġetti magħmulin mill-bniedem jew naturali fuq il-wiċċ, li taħthom jiġu raggruppati diversi speċijiet li jattiraw, li b'hekk iżidu l-qbid ta' dawn l-ispeċijiet;

"leġiżlazzjoni nazzjonali" tfisser il-leġiżlazzjoni rigward l-attivitajiet tas-sajd tal-Gabon;

"liċenzja tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni amministrattiva maħruġa mill-awtoritajiet tal-Gabon lil operatur li tagħtih id-dritt li jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gabon għal perjodu speċifikat; ekwivalenti għall-awtorizzazzjoni tas-sajd definita bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

"bastiment tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd jew ta' appoġġ li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

"bastiment ta' appoġġ" tfisser kwalunkwe bastiment, li mhuwiex inġenju tal-baħar li jinġarr abbord, li mhuwiex mgħammar b'irkapti tas-sajd operazzjonali mfassla biex jaqbdu jew jattiraw il-ħut u li jħaffef, jgħin jew iħejji l-operazzjonijiet tas-sajd;

"osservatur" tfisser kull persuna awtorizzata minn awtorità nazzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness, biex tosserva l-implimentazzjoni tar-regoli li japplikaw għall-attività tas-sajd jew biex tosserva dik l-attività għal finijiet xjentifiċi;

"operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq attività relatata ma' kwalunkwe stadju ta' produzzjoni, ta' proċessar, ta' kummerċjalizzazzjoni, ta' distribuzzjoni u ta' bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

"opportunitajiet tas-sajd" tfisser dritt legali kwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qabdiet jew ta' sforz tas-sajd;

"Protokoll" tfisser dan il-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim, kif ukoll l-Anness tiegħu u l-Appendiċi tal-Anness;

"qbid skartat": qabdiet li ma jinżammux abbord;

“eċċess tal-qabda permissibbli” tfisser il-parti tal-qabda permissibbli li Stat kostali ma jisfruttax li tirriżulta f’rata ta’ sfruttament globali għall-istokkijiet individwali li tinżamm taħt il-livelli li fihom l-istokkijiet kapaċi jreġġgħu lura lilhom infushom għal li kienu u ż-żamma ta’ popolazzjonijiet ta’ speċijiet maqbuda ’l fuq mil-livelli mixtieqa abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

“trasbord” tfisser it-trasferiment ta’ parti mill-qabdiet jew tal-qabdiet kollha mwettqa minn bastiment tas-sajd għal bastiment ieħor inkluż, f’konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Gabon, kif ukoll permezz ta’ stokk f’kontenituri jew fi kwalunkwe imballaġġ ieħor;

“żona tas-sajd tal-Gabon” tfisser il-parti tal-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gabon li fiha l-Gabon jawtorizza lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd f’konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim.

Artikolu 2
Objettiv u perjodu tal-applikazzjoni

1. L-objettiv ta’ dan il-Protokoll huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim billi, b’mod partikolari, jispeċifika l-kundizzjonijiet ta’ aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Gabon kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-Sħubija għas-Sajd Sostenibbli.

2. Dan il-Protokoll għandu japplika għal perjodu ta’ ħames snin, mid-data tal-iffirmar tiegħu f’konformità mal-Artikolu 24.

Artikolu 3
Kamp ta’ applikazzjoni

Dan il-protokoll għandu japplika:

1. għaż-żona tas-sajd tal-Gabon, liema koordinati ġeografiċi jinsabu fl-Anness, l-Appendiċi 1. Din id-definizzjoni ma għandha taffettwa l-ebda negozjar potenzjali rigward id-delimitazzjoni taż-żoni tal-baħar tal-Istati kostali li jmissu maż-żona tas-sajd u mad-drittijiet ta’ pajjiżi terzi b’mod ġenerali;

2. għall-ispeċijiet fil-mira elenkati fl-Anness, l-Appendiċi 2, għajr għall-ispeċijiet mħarsa jew ipprojbiti skont il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) jew skont ftehimiet internazzjonali oħra u skont il-leġiżlazzjoni tal-Gabon;

3. għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon.

Artikolu 4
Relazzjoni bejn dan il-Protokoll u l-Ftehim

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll għandhom jiġu interpretati u applikati fil-kuntest tal-Ftehim u b’mod konsistenti miegħu.

Artikolu 5
Relazzjoni bejn dan il-Protokoll u Ftehimiet u strumenti legali oħra

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Protokoll għandhom jiġu interpretati u applikati f’konformità ma’:

(a) rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-ICCAT jew ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd oħra, bħall-COREP (Kummissjoni Reġjonali tas-Sajd tal-Golf tal-Guinea);

(b) Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ħażniet ta' Ħut tal-1995;

(c) Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-1995 (FAO);

(d) Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port tal-2009 (FAO);

(e) elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou, jew inklużi fl-Artikolu ekwivalenti tal-Ftehim suċċessur bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP;

u b'mod konsistenti ma' dawn.

Artikolu 6

Aċċess għall-eċċess u aċċess abbażi ta' parir xjentifiku

1. Il-Partijiet jaqblu li l-bastimenti tal-Unjoni jridu jaqbdu biss l-eċċess tal-qabdiet permessi kif imsemmi fl-Artikolu 62(2) u (3) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), u jiġu identifikati, b'mod ċar u trasparenti abbażi tal-opinjonijiet xjentifiċi disponibbli u rilevanti u tal-informazzjoni rilevanti kondiviża bejn il-Partijiet dwar l-isforz totali tas-sajd fuq l-istokkijiet affettwati mill-flotot kollha li joperaw fiż-żona tas-sajd.

2. Fir-rigward tal-istokkijiet ta' ħut transżonali jew li jpassi ħafna, il-Partijiet għandhom iqisu debitament il-evalwazzjonijiet xjentifiċi mwettqa fil-livell reġjonali kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti (RFMO) biex jiddeterminaw ir-riżorsi disponibbli għall-aċċess.

Artikolu 7

Kooperazzjoni ekonomika u valutazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fi kwistjonijiet ekonomiċi, kummerċjali, xjentifiċi u tekniċi fis-settur tas-sajd u s-setturi relatati. Għaldaqstant, huma jaqblu dwar il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni, li jinvolvi lill-operaturi, maħsub itejjeb l-ambjent tan-negozju u jidentifika l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni u għall-investiment fis-settur tas-sajd fil-kuntest tal-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tas-settur li l-Gabon implimenta. Dan il-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni għandu jieħu l-għamla ta' laqgħat regolari li jistgħu jnebbtu b'mod partikolari proposti u rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt jew kooperazzjoni operazzjonali. Fejn xieraq, għandu jissejjes ukoll fuq il-finanzjament ta' azzjonijiet speċifiċi fil-kuntest tal-appoġġ settorjali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-ħatt l-art tal-qabdiet mill-bastimenti tal-Unjoni li jkunu qed jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gabon.

3. Il-Gabon iħeġġeġ lill-operaturi jew lill-gruppi ta' operaturi biex jittrasbordaw, iħottu l-art jew jivvalutaw lokalment ir-riżorsi kollha tas-sajd jew parti minnhom maqbuda fiż-żona tas-sajd tiegħu. Għaldaqstant, il-Gabon għandu jistabbilixxi mekkaniżmi ta' inċentivi għall-benefiċċju tal-operaturi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

4. Skont l-offerta ta' provvisti u ta' servizzi relatati, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħabirku biex jakkwistaw mill-Gabon il-provvisti u s-servizzi meħtieġa għall-attivitajiet tagħhom.

5. Għaldaqstant, il-Partijiet għandhom iħeġġu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet kemm umani kif ukoll istituzzjonali għas-settur tas-sajd, biex itejbu l-iżvilupp tal-ħiliet u jsaħħu l-kapaċitajiet tat-taħriġ b'mod li jikkontribwixxu għal attivitajiet sostenibbli tas-sajd fil-Gabon u għall-iżvilupp tal-Ekonomija l-Blu.

6. Dan il-Protokoll għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet u jqis l-iżviluppi relatati mal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE). Għalhekk, il-Partijiet għandhom jiddiskutu regolarment dwar il-modi kif jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq Ewropew għall-prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Gabon.

PARTI III: Drittijiet u obbligi

Artikolu 8
Aċċess awtorizzat għall-bastimenti tal-Unjoni

1. L-aċċess għaż-żona tas-sajd għandha tkun possibbli għall-bastimenti tal-Unjoni fil-limiti li ġejjin:

(a) 27 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;

(b) sitt bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief;

(c) erba' bastimenti tat-tkarkir biex jistadu b'mod partikolari l-krustaċji tal-fond, fil-kuntest tas-sajd esploratorju u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Barra minn hekk, il-bastimenti ta' appoġġ għall-bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni jistgħu jidħlu fiż-żona tas-sajd skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness, il-Kapitolu I, il-paragrafu 3.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 18. Il-proċedura biex bastiment jikseb liċenzja tas-sajd, it-tariffi applikabbli u t-termini tal-pagament li jridu jintużaw mis-sidien tal-bastimenti għandhom ikunu dawk stipulati fl-Anness.

Artikolu 9
Konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Gabon

1. Sabiex jiġi żgurat qafas regolatorju għas-sajd sostenibbli, il-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Ftehim jew f'dan il-Protokoll. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Unjoni bil-liġijiet u bir-regolamenti applikabbli sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jibda japplika dan il-Protokoll.

2. L-Unjoni timpenja ruħha li tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tiżgura li l-bastimenti tagħha jikkonformaw mal-Ftehim u mal-liġijiet u mar-regolamenti notifikati u li l-miżuri ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza marbuta mal-attivitajiet tas-sajd previsti f'dan il-Protokoll jiġu applikati b'mod effettiv.

3. Il-bastimenti tal-Unjoni jridu jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Gabon responsabbli għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għas-sorveljanza.

4. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe emenda fil-politika jew fil-leġiżlazzjoni tas-sajd rispettiva tagħhom li tista' tħalli impatt potenzjali fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Protokoll.

5. Kwalunkwe emenda tal-leġiżlazzjoni li għandha impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni; fiż-żona tas-sajd għandha tkun infurzabbli għall-bastimenti tal-Unjoni, mis-sittin jum wara li l-awtoritajiet tal-Unjoni jirċievu n-notifika mill-Gabon.

Artikolu 10
Nondiskriminazzjoni u trasparenza

1. Skont l-Artikolu 3(1) tal-Ftehim, il-flotta Ewropea tibbenefika mill-istess kundizzjonijiet tekniċi favorevoli tas-sajd bħal dawk applikati għall-flotot l-oħra li

għandhom l-istess karatteristiċi u li jistadu għall-istess speċi. L-awtoritajiet tal-Gabon jintrabtu li jiżguraw li l-aċċess għaż-żona tas-sajd ikun relatat mal-attività tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u li l-flotta Ewropea tikseb sehem xieraq mir-riżorsi tas-sajd.

2. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jiskambjaw u li jippubblikaw l-informazzjoni dwar kull ftehim li jippermetti li bastimenti barranin jidħlu fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u dwar l-isforz tas-sajd li jirriżulta, b'mod partikolari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet li jinħarġu u l-qabdiet li jkunu saru.

3. L-Unjoni tintrabat li, kull tliet xhur, tipprovdi lil Gabon bid-*data* aggregata dwar il-kwantitajiet u l-postijiet ta' ħatt l-art tal-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, u sakemm possibbli, bid-*data* rilevanti mir-rapporti tal-osservaturi.

Artikolu 11
Proċessar tad-data u kunfidenzjalità

1. Il-Partijiet jintrabtu li d-*data* personali jew kummerċjalment sensittiva relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom skont il-Protokoll, jew l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva relatata mas-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-Unjoni, ikunu pproċessati f'konformità mal-prinċipji tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-*data*, inklużi dawk stabbiliti minn dan l-Artikolu.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li biss id-*data* aggregata relatata mal-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gabon, b'mod partikolari d-*data* tal-qabdiet u tal-isforz, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd l-oħra.

3. Id-*data* u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti biss għall-implimentazzjoni tal-Ftehim. Madankollu, il-partijiet jistgħu jużaw id-*data* tal-VMS f'qagħdiet ta' emerġenza, għat-tiftix u għas-salvataġġ jew għall-fini tas-sikurezza marittima.

4. Id-*data* personali relatata mal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni mhux se tiġi pubblikata. Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod xieraq biex tiġi żgurata s-sigurtà tagħhom, inkluża l-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali.

5. Id-*data* personali ma għandhiex tinżamm lil hinn miż-żmien meħtieġ għall-fini li għalih tkun ġiet skambjata. Fir-rigward tad-*data* personali mibgħuta mill-Unjoni, is-salvagwardji u r-rimedji xierqa jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

Artikolu 12
Esklużività

1. Skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon biss jekk ikollhom liċenzja tas-sajd maħruġa f'konformità ma' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom joħorġu liċenzji tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni skont dan il-Protokoll biss. Għandu jkun ipprojbit li tinħareġ kwalunkwe liċenzja tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni barra mill-qafas ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fl-għamla ta' liċenzji diretti.

Artikolu 13
Kontroparti finanzjarja

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 2, il-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim għandha tkun ta' EUR 13-il miljun.

2. Il-kontroparti finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha tinkludi dawn l-elementi:

   (a) kumpens għall-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi tas-sajd għaż-żona tas-sajd tal-Gabon, ikkalkulat abbażi ta' tunnellaġġ ta' referenza annwali ta' 32 000 tunnellata, li l-ammont annwali tiegħu hu ta' EUR 1 600 000;

   (b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gabon, li l-ammont annwali tiegħu hu ta' EUR 1 000 000.

Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni globali mħallas mis-sidien tal-bastimenti huwa stmat li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15, 17, 18, 22 u 23 ta' dan il-Protokoll.

4. Jekk il-qabdiet tal-bastimenti tal-Unjoni fi kwalunkwe sena jaqbżu t-tunnellaġġ ta' referenza annwali, il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2(a) għandu jiġi ssupplimentat bit-tunnellaġġ tal-qabdiet ta' dik is-sena barra mit-tunnellaġġ ta' referenza mmultiplikat b'ammont ta' EUR 50 għal kull tunnellata.

Artikolu 14
Pagamenti

1. L-Unjoni għandha tħallas l-ammont stabbilit fil-paragrafu 13(2)(a) sa mhux aktar tard minn sittin jum wara li tibda l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-ewwel sena u sa mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll għas-snin ta' wara.

2. Wara l-validazzjoni tal-qabdiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-Anness, l-Unjoni għandha tagħmel ħiliha biex tħallas fi żmien tliet xhur l-ammonti dovuti għall-qabdiet li jaqbżu t-tunnellaġġ ta' referenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(4). Jekk il-kwantitajiet maqbudin mill-bastimenti tal-Unjoni jkunu iżjed mid-doppju tat-tunnellaġġ ta' referenza, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dan il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara.

3. Kull element tal-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13 għandu jitħallas f'kont tat-Teżor Pubbliku tal-Gabon. Il-kontribuzzjoni għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jingħata lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd fil-Gabon. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jgħaddu annwalment id-dettalji bankarji tal-kont(ijiet) lill-awtoritajiet tal-Unjoni.

PARTI III: Appoġġ għas-sajd responsabbli

Artikolu 15
Appoġġ settorjali

1. L-appoġġ finanzjarju msemmi fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sajd sostenibbli fil-Gabon. Għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' strateġiji u ta' politiki nazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, skont il-Pjan Strateġiku emerġenti tal-Gabon 2025 (PSGE 2025) u skont il-politika tal-iżvilupp u ta' sħubija tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-programm indikattiv pluriennali tal-Gabon.

2. Parti minn dan l-appoġġ finanzjarju ta' ammont annwali indikattiv ta' EUR 100 000, għandu jiġi ddedikat b'mod speċifiku għall-osservazzjoni u għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar, għall-miżuri ta' ħarsien tal-ekosistemi fraġli li jikkontribwixxu għal stokkijiet tal-ħut b'saħħithom kif ukoll għall-ġestjoni ta' żoni tal-baħar protetti.

3. Sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li dan il-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju, il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim għandu jadotta programm settorjali pluriennali kif ukoll ir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

4. Il-programm jidentifika l-kontribuzzjoni mistenni ta' dawn l-azzjonijiet għall-governanza tajba tal-oċeani u għall-promozzjoni tas-sajd responsabbli u sostenibbli, f'konformità mal-pjanijiet ta' ġestjoni u ta' ġestjoni tas-sajd tal-Gabon. Il-programm jiddefinixxi l-objettivi li għandhom jintlaħqu u l-azzjonijiet previsti, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

   (a) il-miżuri ta' appoġġ u ta' ġestjoni tas-sajd, inkluż is-sajd fuq skala żgħira;

   (b) il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd;

   (c) il-ġlieda kontra attivitajiet ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (sajd IUU);

   (d) l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi fil-qasam tas-sajd u tal-akkwakultura;

   (e) l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2.

5. Il-programm għandu jistipula t-tqassim ippjanata tal-miżuri u tal-ammonti allokati tal-Protokoll kollu kemm hu u kull sena tal-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(2)(b), fl-għamla ta' tabella ta' programmazzjoni pluriennali u annwali.

6. Il-Partijiet jintrabtu jippromwovu l-viżibbiltà tal-intervent tal-Unjoni u għandhom jipprevedu miżuri speċifiċi fil-Programm biex jirreklamaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-azzjonijiet implimentati.

7. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-programmi jistipulaw:

   (a) il-kriterju ta' eliġibbiltà għan-nefqa marbuta mal-azzjonijiet previsti;

   (b) l-indikatur għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni annwali tar-riżultati miksuba fir-rigward tal-objettivi mistennija;

   (c) is-sorsi ta' verifika tal-informazzjoni mogħtija.

8. Rapport annwali ta' implimentazzjoni għandu jitressaq lill-Kumitat Konġunt xahar qabel ma jiltaqa', sabiex jiġi vvalutat il-livell ta' kisba tal-objettivi u r-rata ta' implimentazzjoni miksuba. Il-Kumitat Konġunt għandu jivverifika l-konsistenza tal-

miżuri meħuda mal-programmazzjoni u mal-objettivi ġenerali u jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-segwitu tal-implimentazzjoni.

9. L-ammont tal-kontroparti finanzjarja speċifika msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jitħallas b'pagamenti parzjali. Għall-ewwel sena tal-Protokoll, il-pagament għandu jsir wara l-adozzjoni tal-programm mill-Kumitat Konġunt, kif previst fil-paragrafu 2. Għall-pagamenti parzjali li jmiss, il-pagamenti għandhom isiru kif ġej:

   (a) soġġetti għal rata ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm previsti għall-pagament parzjali preċedenti ta' 75 % jew aktar; l-ammonti mhux impenjati ta' pagament parzjali wieħed għandhom jiġu allokati għall-pagament parzjali li jmiss; it-total għandu jitqies għas-segwitu tal-eżekuzzjoni sussegwenti ta' dan il-pagament parzjali;

   (b) wara li jitressaq ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 7 u jiġi vvalidat mill-Kumitat Konġunt.

10. Fi tmiem il-perjodu tal-programm multiannwali, il-Gabon għandu jħejji rapport finali dwar l-azzjonijiet meħuda u r-riżultati miksuba. Dan ir-rapport għandu jindika wkoll l-ammonti tal-eċċessi li ma ġewx użati tal-appoġġ settorjali u jidentifika s-setturi ta' azzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom il-Gabon jintrabat li juża kwalunkwe fond disponibbli, inkluż wara li jiskadi l-Protokoll.

11. Kwalunkwe emenda tal-programm settorjali annwali jew pluriennali trid tiġi approvata mill-Kumitat Konġunt. L-emendi jistgħu jiġu approvati fil-forma ta' skambju ta' ittri.

12. L-Unjoni tista' tirrevedi jew tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom tal-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(2)(b):

   (a) jekk il-Kumitat Konġunt isib li r-riżultati miksuba ma jikkorrispondux mal-objettivi stabbiliti mill-programmazzjoni;

   (b) jekk ir-riżorsi kollha tal-kontroparti finanzjarja jew parti minnhom jintużaw għal finijiet oħra għajr dawk stabbiliti fil-programmazzjoni.

13. Il-pagamenti għandhom jerġgħu jibdew wara konsultazzjoni bejn il-partijiet u wara validazzjoni mill-Kumitat Konġunt. Madankollu, din il-kontroparti ma tistax titħallas wara perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' skadenza tal-Protokoll.

14. Il-Partijiet għandhom ikomplu jimmonitorjaw l-appoġġ settorjali sakemm il-kontroparti finanzjarja speċifika msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) tintuża kollha, fejn xieraq wara li jiskadi dan il-Protokoll.

Artikolu 16
Kooperazzjoni xjentifika għal sajd responsabbli

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar, kif ukoll ta' sajd responsabbli fl-ilmijiet tal-Gabon.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw biex jissorveljaw l-istat tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gabon, fost l-oħrajn permezz tal-organizzazzjoni tal-kampanji tal-evalwazzjoni tal-istokkijiet, u jikkontribwixxu għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni xjentifika fi ħdan l-ICCAT u għandhom iqisu l-parir xjentifiku tal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti l-oħra. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel il-laqgħat annwali ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

4. Fejn xieraq u f'konformità mal-Artikolu 4(2) tal-Ftehim, il-partijiet għandhom isejjħu laqgħa xjentifika biex jeżaminaw kull suġġett xjentifiku li jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u jfasslu opinjoni xjentifika skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-Kumitat Konġunt u skont il-bżonnijiet identifikati.

Artikolu 17

Opinjoni xjentifika, reviżjoni tal-opportunitajiet ta' aċċess u tal-kundizzjonijiet għas-sajd

1. F'konformità mal-opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, b'mod partikolari dawk mogħtija mil-laqgħa xjentifika prevista fl-Artikolu 16, il-Kumitat Konġunt jista':

   (a) jadotta miżuri speċifiċi li jaffettwaw l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni;

   (b) jirrivaluta l-opportunitajiet ta' aċċess stipulati fl-Artikolu 8 u jirrevedihom permezz ta' deċiżjoni debitament motivata.

2. Il-miżuri speċifiċi u din ir-reviżjoni tal-opportunitajiet għandhom jikkontribwixxu għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, f'konformità mal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u mar-rakkomandazzjonijiet u mar-riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan l-ICCAT jew fi ħdan organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħra.

Artikolu 18

Sajd esploratorju u opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu s-sajd esploratorju fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċijiet li mhumiex sfruttati biżżejjed. Fuq talba ta' waħda miż-żewġ Partijiet, il-Kumitat Konġunt għandu jiddetermina fuq bażi ta' każ b'każ l-ispeċijiet ikkonċernati u l-kundizzjonijiet xierqa fl-Ispeċifikazzjonijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jissejjes fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u, fejn xieraq, fuq l-opinjoni xjentifika miksuba skont l-Artikolu 16(4).

2. L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd esploratorju għandhom jingħataw għal perjodu massimu ta' sitt xhur. Il-bastimenti involuti fis-sajd esploratorju għandhom iħarsu l-Ispeċifikazzjonijiet stabbiliti mill-Kumitat Konġunt abbażi tal-parir xjentifiku li għandu jispeċifika wkoll l-arranġamenti għall-ħatt l-art u għall-valutazzjoni tal-qabdiet. Osservatur maħtur mill-awtoritajiet tal-Gabon u, fejn xieraq, osservatur xjentifiku mill-Istat tal-bandiera għandhom ikunu preżenti abbord tul il-perjodu tal-kampanja. Id-*data* ta' osservazzjoni miġbura għandha tintbagħat għall-analiżi u għall-parir xjentifiku skont id-dipożizzjonijiet tal-Artikolu 16.

3. Il-laqgħa xjentifika għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar ir-riżultati tal-kampanji esploratorji lill-Kumitat Konġunt li għandu jiddeċiedi, fejn xieraq, dwar l-introduzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet il-ġodda sakemm jiskadi dan il-Protokoll.

PARTI IV: Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Artikolu 19
Funzjonament u prerogattivi tal-Kumitat Konġunt

1. Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 9 tal-Ftehim għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim.

2. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha sseħħ sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-bidu tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll.

3. Għandha tiġi organizzata laqgħa straordinarja tal-Kumitat Konġunt, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet fi żmien xahar mit-talba.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddelibera u jiddeċiedi permezz ta' skambju ta' ittri.

5. Il-Kumitat Konġunt japprova l-emendi ta' dan il-Protokoll dwar:

   (a) l-opportunitajiet tas-sajd, f'konformità mal-Artikoli 8 u 18(3) ta' dan il-Protokoll u, għaldaqstant, dwar il-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) ta' dan il-Protokoll;

   (b) l-arranġamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali msemmija fl-Artikolu 15 ta' dan il-Protokoll;

   (c) il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tekniċi li bihom il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

6. Dawn l-emendi tal-Protokoll għandhom jitniżżlu f'minuti ffirmati mill-Partijiet li għandhom jispeċifikaw id-data li fiha dawn l-emendi jkunu infurzabbli.

Artikolu 20
Skambju elettroniku tal-informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li jistabbilixxu mingħajr dewmien is-sistemi kompjuterizzati meħtieġa għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-dokumenti kollha marbutin mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni u għall-użu tal-iskambju tad-*data* dwar il-qabdiet, id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet mad-dħul u mal-ħruġ (ERS), il-pożizzjonijiet tal-bastimenti (VMS) u l-kisba tal-liċenzji huma stipulati fl-Anness u fl-Appendiċijiet tiegħu.

3. Il-verżjoni elettronika ta' dokument għandha titqies f'kull każ bħala ekwivalenti għall-verżjoni stampata tiegħu. F'każ ta' diskrepanzi, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jidentifikaw il-verżjoni awtentika.

4. Il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih b'kull ħsara fis-sistema kompjuterizzata. L-informazzjoni u d-dokumenti relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandhom imbagħad jiġu skambjati skont l-arranġamenti alternattivi miftiehma bejn il-Partijiet.

PARTI IV Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21
Soluzzjoni tat-tilwim

Kull tilwima rigward l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll għandha tiġi solvuta amikevolment mill-Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

Artikolu 22
Sospensjoni

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet jekk waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

   (a) waħda mill-Partijiet issib li kien hemm ksur tal-istrumenti u tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5;

   (b) ċirkostanzi mhux tas-soltu, kif stipulat fl-Artikolu 2(h) tal-Ftehim, li jipprevjenu l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon;

   (c) tibdil sinifikanti fil-linji gwida tal-politika ta' waħda mill-Partijiet li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;

   (d) in-nonkonformità minn waħda mill-Partijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;

   (e) l-Unjoni tonqos milli tħallas il-kontroparti finanzjarja prevista fl-Artikolu 13(2)(a) għal raġunijiet għajr dawk previsti fl-Artikoli 17 u 18 ta' dan il-Protokoll;

   (f) tilwim serju u mhux solvut bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. F'każijiet bħal dawn, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin kemm meħtieġ sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli. F'każ ta' nuqqas ta' soluzzjoni, is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll għandha tiġi notifikata lill-Parti l-oħra bil-miktub u għandha tidħol fis-seħħ xahar wara li tasal din in-notifika.

3. F'każ ta' sospensjoni effettiva, il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea għandhom l-obbligu li jitilqu miż-żona tas-sajd tal-Gabon fi żmien 24 siegħa.

4. L-ammont tal-kontroparti finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) tal-Protokoll għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat għall-perjodu li matulu l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll ġiet sospiża.

5. F'każ ta' sospensjoni effettiva, il-Partijiet għandhom ikomplu għaddejjin bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwim ta' bejniethom. F'każ ta' soluzzjoni, l-applikazzjoni tal-Protokoll għandha terġa' tibda u kwalunkwe kumpens għandu jiġi eżaminat mill-Kumitat Konġunt.

Artikolu 23
Terminazzjoni

1. Dan il-Protokoll jista' jintemm fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet fil-każijiet u bil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tal-Ftehim. Il-Parti kkonċernata għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-ħsieb tagħha li ttemm il-

Protokoll. Il-Parti l-oħra għandha tirrikonoxxi li rċeviet in-notifika bil-miktub mingħajr dewmien.

2. In-notifika għandha tagħti bidu għall-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet. Jekk il-konsultazzjonijiet ma jintemmux b'suċċess fi żmien xahrejn mill-konferma tal-wasla, it-terminazzjoni tidħol fis-seħħ.

Artikolu 24
Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu mill-Partijiet.

Artikolu 25
Segwitu tas-sħubija

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza ta' dan il-Protokoll għat-tiġdid tiegħu.

Artikolu 26
Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak l-għan.

ANNESS
KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MILL-BASTIMENTI TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI TAS-SAJD TAL-GABON

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. DEŻINJAZZJONI TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI

1.1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kull referenza għall-Unjoni jew għall-Gabon bħala awtorità kompetenti għandha tfisser:

– għall-Unjoni: il-Kummissjoni Ewropea, fejn xieraq permezz tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-Gabon;

– għall-Gabon: il-Ministeru għas-Sajd, permezz tad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Akkwakultura (DGPA).

1.2. Id-dettalji ta' kuntatt huma speċifikati fl-Appendiċi 3. F'każ ta' modifika tad-dettalji, il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin minnufih dwar il-bidliet.

2. ŻONA TAS-SAJD TAL-GABON - ŻONI PPROJBITI GĦAT-TBAĦĦIR U GĦAS-SAJD

2.1. Il-koordinati taż-żona tas-sajd koperta mill-Protokoll jinsabu fl-Appendiċi 1. Qabel bidu l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, il-Gabon għandu jgħarraf bil-koordinati ġeografiċi tal-linji bażi taż-żona tas-sajd tiegħu u taż-żoni kollha fi ħdanha li huma pprojbiti għat-tbaħħir u għas-sajd.

2.2. Il-bastimenti tal-Unjoni ma jistgħux iwettqu attivitajiet tas-sajd fi ħdan faxxa ta' 12-il mil nawtiku li tingħadd mil-linji bażi.

2.3. Is-sajd fiż-żoni tal-baħar protetti u ż-żoni ta' trobbija tal-ħut iddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa pprojbit sakemm dan ikun previst fil-leġiżlazzjoni jew fil-pjanijiet ta' żvilupp ta' dawn iż-żoni.

2.4. Barra minn hekk, it-tbaħħir fiż-żoni ta' sfruttament taż-żejt huwa pprojbit. Apparti dan, l-attivitajiet tas-sajd huma pprojbiti fiż-żoni ta' esplorazzjoni taż-żejt tul il-perjodi ta' prospettar.

2.5. Il-Gabon għandu jgħarraf lill-Unjoni b'kull bidla taż-żoni magħluqa għat-tbaħħir jew għas-sajd mill-inqas xahrejn qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

3. ATTIVITAJIET TAL-BASTIMENTI TA' APPOĠĠ

3.1. Il-bastimenti ta' appoġġ jistgħu jwettqu attivitajiet ta' appoġġ għall-bastimenti tal-Unjoni dment li jkunu awtorizzati mill-Gabon. L-għadd totali ta' bastimenti ta' appoġġ għandu jħares l-impenji meħuda mill-Partijiet skont ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u skont il-limitu ġenerali li japplika għall-flotta kollha tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għandha tkun dik stabbilita fl-Anness, il-Kapitolu II, il-paragrafu 8.

3.2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' bastiment ta' appoġġ għandha tidentifika l-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni li għalihom ikun involut il-bastiment ta' appoġġ. Fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, bastiment ta' appoġġ jista' jiġi involut biss favur il-bastimenti tal-Unjon li joperaw skont dan il-Protokoll.

3.3. Huwa pprojbit l-użu tal-mezzi ta' appoġġ bl-ajru għal finijiet tat-traċċar.

4. DEŻINJAZZJONI TA' AĠENT LOKALI

Kull bastiment tal-Unjoni li jipprevedi li jħott l-art f'port tal-Gabon għandu jkun rappreżentat minn aġent residenti fil-Gabon.

5. KONT BANKARJU GĦALL-PAGAMENTI MIS-SIDIEN TAL-BASTIMENTI

5.1. Qabel bidu l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll, il-Gabon għandu jgħarraf lill-Unjoni bid-dettalji tal-kont(ijiet) xieraq/xierqa tat-Teżor Pubbliku tal-Gabon li fih(om) għandhom jiġu ddepożitati l-ammonti finanzjarji dovuti mill-bastimenti tal-Unjoni. Il-Gabon għandu jgħarraf b'kull bidla minnufih.

5.2. Il-kostijiet marbutin mat-trasferimenti bankarji huma dovuti minn sidien il-bastimenti.

KAPITOLU II
LIĊENZJI TAS-SAJD

1. PREREKWIŻITI BIEX TINKISEB LIĊENZJA TAS-SAJD — BASTIMENTI ELIĠIBBLI

Il-liċenzji tas-sajd għandhom jinħarġu dment li:

1.1. il-bastiment ikun irreġistrat fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u fil-lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati mill-ICCAT,

1.2. ikunu ġew ssodisfati l-obbligi preċedenti kollha marbutin ma' sid il-bastiment, mal-kaptan jew mal-bastiment innifsu mnissla mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Gabon skont il-Ftehim.

2. APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĊENZJA

2.1. L-Unjoni għandha tressaq applikazzjoni għal-liċenzja b'mod elettroniku lill-awtorità kompetenti tal-Gabon, għal kull bastiment applikant eliġibbli, mill-inqas 21 ġurnata xogħol qabel id-data tal-bidu tal-validità mitluba, magħmula minn:

(a) formola mimlija fl-Appendiċi 4;

(b) evidenza ta' pagament tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 3.3 għall-perjodu ta' validità tal-liċenzja mitluba u tal-ispejjeż tal-osservaturi stipulati fil-Kapitolu XI, il-paragrafu 3;

(c) ritratt diġitali bil-kulur riċenti u b'riżoluzzjoni grafika xierqa tal-bastiment meħud mill-ġenb;

(d) dijagramma tal-bastiment inkluż il-pjan tal-istiva tal-bastiment;

(e) kopja taċ-Ċertifikat Internazzjonali tat-Tunnellaġġ li jistabbilixxi t-tunnellaġġ tal-bastiment f'TG.

2.2. Għat-tiġdid tal-liċenzja skont il-Protokoll fis-seħħ għal bastiment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu ma ġewx emendati, formola ta' applikazzjoni tal-Unjoni u evidenza tal-pagament tat-tariffa u tal-ispejjeż tal-osservaturi applikabbli għandhom ikunu biżżejjed.

3. TARIFFI

3.1. L-ammont tat-tariffi għandu jinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha għajr għat-taxxi tal-portijiet (b'mod partikolari t-taxxi doganali, tas-sanità u tal-ġestjoni tal-portijiet) u l-ispejjeż għall-provvista tas-servizzi.

3.2. L-ammont tat-tariffa għal kull tunnellata ħut maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-Gabon applikabbli għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u dawk bil-qasab u x-xlief għandu jkun ta':

– EUR 75, għall-ewwel perjodu ta' applikazzjoni mid-data tal-iffirmar sal-31 ta' Diċembru 2021;

– EUR 80 għall-bqija tal-perjodu tal-Protokoll.

3.3. Il-liċenzji għandhom jinħarġu wara l-pagament lill-awtoritajiet tal-Gabon ta' tariffa b'rata fissa annwali ta':

(a) għall-ewwel perjodu ta' applikazzjoni mid-data tal-iffirmar sal-31 ta' Diċembru 2021:

– għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: EUR 33 750 kull sena u għal kull bastiment ekwivalenti għat-tariffa dovuta għal 450 tunnellata;

– għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief: EUR 2 400 kull sena u għal kull bastiment ekwivalenti għat-tariffa dovuta għal 32 tunnellata.

(b) għall-bqija tal-perjodu tal-Protokoll:

– għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni: EUR 36 000 kull sena u għal kull bastiment ekwivalenti għat-tariffa dovuta għal 450 tunnellata;

– għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief: EUR 2 560 kull sena u għal kull bastiment ekwivalenti għat-tariffa dovuta għal 32 tunnellata.

3.4. Il-liċenzja għandha tinħareġ għal bastiment speċifiku u ma għandhiex tkun trasferibbli.

3.5. Jekk id-dikjarazzjoni annwali tal-ammont totali dovut għal bastiment hi akbar mill-ammont imħallas bħala ħlas bil-quddiem b'rata fissa annwali għal dan il-bastiment, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ skont il-kundizzjonijiet msemmija fil-Kapitolu V. Jekk id-dikjarazzjoni annwali tal-ammont totali dovut għal bastiment hi inqas mill-ammont imħallas bħala ħlas bil-quddiem annwali għal dan il-bastiment, l-ammont pendenti korrispondenti ma jistax jitħallas lura.

4. LISTA TAL-BASTIMENTI AWTORIZZATI LI JISTADU

4.1. Il-Gabon għandu jfassal il-lista tal-bastimenti tas-sajd eliġibbli malli jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih f'format elettroniku lill-awtorità tal-Gabon responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-UE.

4.2. L-Unjoni għandha tgħaddi l-lista lill-Istati Membri tal-bandiera. F'każ li l-uffiċċji tal-Unjoni jkunu magħluqa, il-Gabon jista' jibgħat il-lista f'format elettroniku direttament lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, u jibgħat kopja lill-Unjoni.

4.3. Il-bastimenti tal-Unjoni f'dik il-lista jistgħu jibdew l-attivitajiet tas-sajd malli tintbagħat din il-lista skont l-arranġamenti previsti fil-paragrafi preċedenti.

4.4. Il-lista għandha tiġi aġġornata regolarment u l-bastimenti barranin l-oħrajn għandhom jiġu inklużi wkoll fil-lista f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Protokoll.

5. ĦRUĠ TAL-LIĊENZJA — ARRANĠAMENTI GĦAT-TRAŻMISSJONI

5.1. Il-Gabon għandu joħroġ il-liċenzja tas-sajd fi żmien 21 ġurnata xogħol wara li jirċievi l-fajl tal-applikazzjoni komplut.

5.2. Il-liċenzji oriġinali għandhom jintbagħtu lill-Unjoni, li għandha tibgħathom lil sid il-bastiment jew lill-aġent tiegħu. F'każ li l-uffiċċji tal-UE jkunu magħluqa, il-Gabon jista' jibgħat il-liċenzja direttament lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, u jgħarraf lill-Unjoni b'dan.

5.3. Fl-istess waqt, tintbagħat kopja tal-liċenzji oriġinali b'mod elettroniku lill-Unjoni li tibgħatha lil sid il-bastiment jew lill-aġent tiegħu.

5.4. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li ssir tranżizzjoni diġitali tal-liċenzji tas-sajd, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

6. PERJODU TAL-VALIDITÀ TAL-LIĊENZJA

F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Gabon, il-liċenzji tas-sajd jingħataw għal sena kalendarja.

7. DOKUMENTI LI JRIDU JINŻAMMU ABBORD

7.1. Għajr f'każ ta' tranżizzjoni diġitali sħiħa tal-liċenzji, il-liċenzja oriġinali jew, f'nuqqas ta' din u biss għal perjodu limitat ta' 45 jum wara l-ħruġ tal-liċenzja, kopja ta' din il-liċenzja, għandha tinżamm abbord il-bastiment f'kull ħin. Madankollu, il-bastimenti għandhom jiġu awtorizzati jistadu hekk kif jiġu inklużi fil-lista tal-bastimenti awtorizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' hawn fuq. Dawn il-bastimenti għandhom f'kull ħin iżommu abbord kopja tal-lista jew kopja tal-liċenzja provviżorja sakemm tinħareġ il-liċenzja oriġinali tagħhom.

7.2. Il-pjan tat-tqassim, inkluż il-pjan tal-istiva tal-bastiment, irid jinżamm abbord il-bastiment f'kull ħin.

7.3. Id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-ispetturi tal-Gabon li ħadu l-ġurament fil-każ ta' spezzjoni.

8. AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-BASTIMENTI TA' APPOĠĠ

8.1. Il-paragrafi 1 sa 7 għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-bastiment ta' appoġġ u għall-obbligi tagħhom. Madankollu, il-bastiment ta' appoġġ ma għandux l-obbligu li jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

8.2. L-ammont tat-tariffa b'rata fissa dovut għandu jkun ta' EUR 7 500 kull sena u għal kull bastiment. Din it-tariffa ma tkoprix it-tunnellaġġ tal-qabda.

8.3. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati mal-bastimenti ta' appoġġ li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi awtorizzati mill-Gabon skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tiegħu.

9. IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMA ELETTRONIKA AWTOMATIZZATA GĦALL-ĠESTJONI TAL-LIĊENZJI

9.1. It-trażmissjonijiet elettroniċi tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-ħruġ tagħhom għandhom isiru permezz tas-sistema LICENCE magħmula disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea.

9.2. L-iskambji elettroniċi jsiru permezz tal-posta elettronika b'mod provviżorju u sal-implimentazzjoni tas-sistema LICENCE mill-Partijiet.

KAPITOLU III
MIŻURI TEKNIĊI

1. Il-miżuri tekniċi applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni huma stabbiliti fl-iskeda teknika fl-Appendiċi 2.

2. Il-bastimenti għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet applikabbli tal-ICCAT.

3. MIŻURI DWAR L-FAD

3.1. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom joqogħdu attenti li l-limitu ta' 125 FAD attivi, b'bagi operazzjonali, għal kull bastiment tas-sajd bit-tartaruni jiġi applikat f'kull ħin fiż-żona tas-sajd tal-Gabon. Qabel l-1 ta' Marzu kull sena, sidien il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jipprovdu lista tal-FAD attivi fiż-żona tas-sajd tal-Gabon lill-awtoritajiet tal-Gabon f'konformità mal-paragrafu 38 tar-Rakkomandazzjoni 19–02 tal-ICCAT.

3.2. Il-bastimenti tas-sajd jew ta' appoġġ awtorizzati fiż-żona tas-sajd tal-Gabon għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT. B'mod partikolari, sabiex jillimitaw l-impatt tagħhom fuq l-ekosistemi u jnaqqsu l-ammont ta' skart sintetiku fil-baħar, l-FAD għandhom jissawru minn materjal li ma jitħabbilx, naturali jew bijodegradabbli, mhux tal-plastik, għajr għas-sinjali ta' indikazzjoni.

3.3. L-FAD kollha użati minn kull bastiment tal-Unjoni għandhom jiġu mmarkati f'konformità mal-ICCAT.

3.4. Ġurnal ta' abbord dwar l-FAD

(a) F'konformità mar-regoli tal-ICCAT, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni jew tal-bastimenti ta' appoġġ għandhom jagħġornaw ġurnal ta' abbord dwar l-FAD li l-mudell tiegħu jinsab fl-Appendiċi 5.

(b) Il-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD għandu jimtela mill-kaptan għal kull jum li fih il-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gabon.

(c) Il-Kaptan għandu jirreġistra kuljum kull attività tal-FAD fil-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD filwaqt li jispeċifika l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-FAD u t-tip tal-FAD.

(d) Il-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD għandu jimtela b'mod li jkun jista' jinqara, b'ittri kapitali, u għandu jiġi ffirmat mill-kaptan. L-akkuratezza tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' sid il-bastiment.

(e) Il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat il-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD li jkopri l-jiem tiegħu f'dik iż-żona fi żmien 30 jum wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Gabon, f'konformità mad-direttivi għat-trażmissjoni tad-*data* u tal-informazzjoni meħtieġa mill-ICCAT. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat liċ-ĊMS tal-Gabon li d-dettalji ta' kuntatt tiegħu jinsabu fl-Appendiċi 3.

3.5. Il-Gabon għandu jgħarraf lill-Unjoni u lis-sidien tal-bastimenti biż-żoni u bil-perjodi ta' rekords siżmiċi mwettqa fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, kif ukoll bid-dettalji tal-kuntatt aġġornati tal-kumpaniji li joperaw hemmhekk fi żmien xahar qabel il-bidu tar-rekords. Sidien il-bastimenti għandhom jgħarrfu lill-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet biex jipprovdu pożizzjonijiet f'ħin reali tal-FAD mgħammra b'sinjali ta' indikazzjoni fiż-żoni għall-perjodi speċifikati lill-kumpaniji indikati. Il-Gabon għandu jiżgura li l-bastimenti tal-Unjoni jibagħtu din l-informazzjoni u, f'każ li dan ma jsirx, għandhom jimponu l-pieni xierqa f'konformità mar-regoli fis-seħħ.

3.6. B'mod eċċezzjonali u temporanju, il-Gabon jista' jawtorizza l-intervent tal-bastimenti ta' appoġġ tal-Unjoni fiż-żoni ta' esplorazzjoni u ta' sfruttament taż-żejt, kif ukoll fl-ilmijiet territorjali, għall-fini esklussiva li jiġu rtirati l-FAD li jinsabu f'dawn iż-żoni. Għaldaqstant, il-kaptan tal-bastiment ta' appoġġ għandu jitlob l-

awtorizzazzjoni permezz tal-posta elettronika lill-awtoritajiet tal-Gabon, 48 siegħa qabel, filwaqt li jindika:

– iż-żona tal-intervent;

– l-għadd ta' FAD li għandu jiġi rkuprat;

– il-ħin u l-post tad-dħul fiż-żona tal-intervent;

– stima tal-ħin u tal-post tal-ħruġ miż-żona tal-intervent.

L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom iwieġbu fi żmien tliet sigħat qabel il-ħin tad-dħul skedat. In-nuqqas ta' tweġiba għandu jgħodd bħala qbil.

3.7. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, tul il-perjodu ta' dan il-Protokoll, il-bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gabon għandhom jagħmlu kull sforz biex jirkupraw l-FAD tagħhom li jinsabu bl-ilmijiet tal-Gabon.

4. MIŻURI BIEX JIĠU LIMITATI L-IMPATTI FUQ L-ISPEĊIJIET SENSITTIVI

L-operaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex inaqqsu l-impatt tas-sajd fuq l-ispeċijiet protetti tat-tjur tal-baħar, tal-fkieren tal-baħar, tal-klieb il-baħar u tal-mammiferi tal-baħar billi japplikaw miżuri tekniċi ppruvati adattati għall-ambjent tas-sajd fil-Gabon, li jżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd u jillimitaw il-qabdiet inċidentali u jottimizzaw is-sopravivenza tal-ħut individwali maqbud.

KAPITOLU IV
MONITORAĠĠ U DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

TAQSIMA 1 REĠISTRAZZJONI U RAPPURTAR TAL-QABDIET SAL-UŻU TAL-ERS

1. Sakemm tiġi implimentata s-Sistema Elettronika ta' Reġistrazzjoni u ta' Rappurtar (ERS), il-bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gabon skont il-Ftehim għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar il-qabdiet tagħhom kuljum lill-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon kif ġej, f'data li għandha tiġi deċiża mill-Kumitat Konġunt.

2. Il-kaptan għandu jimla formola tad-dikjarazzjoni tal-qabdiet kuljum f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-ICCAT, għal kull kalata ta' kull vjaġġ tas-sajd f'din iż-żona. Il-formola għandha timtela wkoll fin-nuqqas ta' qabdiet, b'mod li tista' tinqara u għandha tiġi ffirmata mill-kaptan tal-bastiment.

3. Il-format li għandu jintuża għad-dikjarazzjoni tal-qabdiet hu stabbilit fl-Appendiċi 6. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova kwalunkwe aġġornament tal-formola.

4. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jibagħtu din il-formola mimlija kif xieraq lill-awtoritajiet tal-Gabon, preferibbilment billi jipprovdu silta mill-ġurnal ta' abbord elettroniku, kif ġej:

– kuljum, qabel tmiem il-ġurnata li fiha l-bastiment jinsab fiż-żona tas-sajd tal-Gabon;

– fi żmien 24 siegħa mill-wasla tagħhom fil-port f'każ tar-rilaxx tagħhom fil-port ta' Owendo jew ta' Port-Gentil;

– fi żmien 24 siegħa mill-wasla tagħhom fl-ilmijiet tal-Gabon jekk ma jiġux rilaxxati fil-port ta' Owendo jew ta' Port-Gentil.

5. Wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd, għandha tintbagħat ukoll kopja tal-formola tad-dikjarazzjoni tal-qabdiet lill-istituti xjentifiċi kkonċernati, jiġifieri: lis-CENAREST

tal-Gabon u lill-IRD (Istitut tar-Riċerka għall-Iżvilupp) jew lill-IEO (Instituto Español de Oceanografía).

TAQSIMA 2 ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD ELETTRONIKU - REĠISTRAZZJONI U T-TRAŻMISSJONIJIET PERMEMZZ TAL-ERS

1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1.1. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed iwettaq attivitajiet tas-sajd skont dan il-Protokoll għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku integrat f'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS).

1.2. Bastiment li ma jkunx mgħammar bl-ERS ma għandux ikun awtorizzat jidħol fiż-żona tas-sajd tal-Gabon biex iwettaq attivitajiet tas-sajd ladarba s-sistema tkun operattiva.

1.3. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jkun konformi mar-riżoluzzjonijiet u mar-rakkomandazzjonijiet applikabbli tal-ICCAT u għandu jintbagħat skont l-istandard UN/FLUX msemmi fl-Appendiċi 7.

1.4. L-Istat tal-bandiera u l-Gabon għandhom jiżguraw li jkollhom it-tagħmir tal-informatika u s-software meħtieġa sabiex id-*data* tal-ERS tintbagħat awtomatikament.

1.5. L-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li d-*data* tasal u tiġi rreġistrata f'bażi tad-*data* kompjuterizzata li tippermetti li din id-*data* tinħażen b'mod sigur għal mill-inqas 36 xahar mill-bidu tal-vjaġġ tas-sajd.

1.6. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li l-ġurnali ta' abbord tas-sajd jitqiegħdu b'mod awtomatiku għad-dispożizzjoni taċ-ĊMS tal-Gabon permezz tal-ERS, kuljum għall-perjodu li matulu l-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd, anki meta dan ma jkun qabad xejn.

2. *DATA* TAL-ĠURNALI TA' ABBORD TAS-SAJD ELETTRONIĊI

2.1. Kuljum, il-kaptan għandu jniżżel l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda jew miżmuma abbord jew skartata, għal kull operazzjoni tas-sajd. L-istimi tal-kwantitajiet ta' speċi maqbuda jew skartata għandhom jiġu rreġistrati jkun xi jkun il-piż ikkonċernat.

2.2. F'każ li bastiment li jkun fiż-żona tas-sajd ma jwettaq ebda attività tas-sajd, il-pożizzjoni tiegħu f'nofsinhar għandha tiġi rreġistrata.

2.3. Id-*data* tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandha tintbagħat kuljum, b'mod awtomatiku, liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) tal-Istat tal-bandiera. It-trażmissjonijiet għandhom jinkludu tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) in-numri ta' identifikazzjoni OMI jew CFR u isem il-bastiment tas-sajd;

(b) numru uniku ta' identifikazzjoni tal-vjaġġ tas-sajd;

(c) il-kodiċi alfa 3 tal-FAO ta' kull speċi;

(d) iż-żona ġeografika rilevanti fejn saru l-qabdiet;

(e) id-data u l-ħin tal-qabdiet;

(f) id-data u l-ħin tat-tluq mill-port u tal-wasla fih;

(g) it-tip ta' rkaptu u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

(h) l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi miżmuma abbord, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn xieraq, l-għadd ta' ħut individwali;

(i) l-istima tal-kwantitajiet ta' kull speċi skartata, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn xieraq, l-għadd ta' ħut individwali.

3. DIFETT TEKNIKU JEW ĦSARA LI TAFFETTWA R-REĠISTRAZZJONI ABBORD U T-TRAŻMISSJONI MILL-BASTIMENT TAR-RAPPORTI ELETTRONIĊI

3.1. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tal-Gabon għandhom jgħarrfu lil xulxin mingħajr dewmien b'kull avveniment li jista' jaffettwa t-trażmissjoni tad-*data* tal-ERS ta' bastiment wieħed jew iktar.

3.2. Jekk iċ-ĊMS tal-Gabon ma jirċevix id-*data* li bastiment suppost jibgħat, għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera b'dan mingħajr dewmien. Dan għandu jipprova jara malajr kemm jista' jkun għalfejn ma rċeviex id-*data* tal-ERS u għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Gabon bir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet.

3.3. Meta t-trażmissjoni bejn bastiment u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tfalli, dan iċ-ĊMS għandu jgħarraf lill-kaptan jew lill-operatur tal-bastiment jew, fin-nuqqas tiegħu, lir-rappreżentant tiegħu mingħajr dewmien. Malli jirċievi din in-notifika, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat id-*data* li tkun nieqsa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera b'kull mezz ta' telekomunikazzjoni xieraq kuljum sa mhux iktar tard minn 23 h 59.

3.4. F'każ ta' ħsara fis-sistema ta' trażmissjoni elettronika installata abbord il-bastiment, il-kaptan jew l-operatur tal-bastiment għandhom jiżguraw li l-ħsara tissewwa jew li tinbidel l-ERS fi żmien għaxart ijiem minn meta jindunaw bil-ħsara. Ladarba tgħaddi din l-iskadenza, il-bastiment ma għandux jibqa' awtorizzat jistad fiż-żona tas-sajd u jkollu joħroġ minn din iż-żona jew jidħol f'port tal-Gabon fi żmien 24 siegħa. Il-bastiment għandu jkun jista' jitlaq minn dak il-port jew jerġa' jidħol fiż-żona tas-sajd biss meta ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu jkun aċċerta ruħu li l-ERS qed terġa' taħdem kif suppost.

3.5. Jekk il-Gabon ma jkunx irċieva d-*data* tal-ERS minħabba ħsara fis-sistemi elettroniċi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni jew tal-Gabon, il-Parti kkonċernata għandha tieħu azzjoni minnufih biex issolvi l-ħsara malajr. Il-Parti l-oħra għandha tiġi mgħarrfa mill-ewwel malli tissolva l-problema.

3.6. Kull 24 siegħa, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat liċ-CMS tal-Gabon id-*data* kollha tal-ERS li l-Istat tal-bandiera jkun irċieva mill-aħħar trażmissjoni, b'kull mezz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli. L-istess proċedura tista' tintuża f'każ ta' operazzjoni ta' manutenzjoni ta' iktar minn 24 siegħa li taffettwa s-sistemi li jkunu taħt il-kontroll tal-Unjoni. Il-Gabon għandu jgħarraf lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-Unjoni ma jitqisux li qed jonqsu milli jħarsu l-obbligu tagħhom li jibagħtu d-*data* tal-ERS tagħhom. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li jdaħħal id-*data* li tkun nieqsa fil-bażi tad-*data* elettronika msemmija fil-paragrafu 1.5.

3.7. L-Istat tal-bandiera, u l-Gabon għandhom jaħtru korrispondent tal-ERS li jkun il-punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jgħarrfu lil xulxin bid-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent tal-ERS tagħhom, u fejn xieraq, jaġġornaw din l-informazzjoni mingħajr dewmien.

TAQSIMA 3 *DATA* AGGREGATA DWAR IL-QABDIET

1. Qabel jintemm kull perjodu ta' tliet xhur, l-Unjoni għandha tgħaddi lill-awtoritajiet tal-Gabon id-*data* aggregata msemmija fl-Artikolu 10(3) ta' dan il-Protokoll għall-perjodi preċedenti ta' tliet xhur tas-sena li tkun għaddejja, misluta mill-bażi tad-*data* tagħha, li tindika l-kwantitajiet tal-qabdiet għal kull bastiment kif ukoll il-postijiet tal-ħatt l-art, għal kull xahar tal-qabda u għal kull speċi. Din id-*data* għandha tkun provviżorja u skalabbli, u tqis fejn xieraq id-*data* tal-osservaturi pprovduta fuq bażi annwali.

2. Il-Gabon għandu janalizza din id-*data* aggregata u jirrapporta kull inkonsistenza kbira li jista' jkun hemm mad-*data* fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd li jirċievi. L-Istati tal-bandiera għandhom jinvestigaw l-inkonsistenzi rrappurtati u jaġġornaw id-*data* kif meħtieġ. Il-każijiet ta' inkonsistenzi persistenti bejn is-sorsi tad-*data* għandhom jitressqu lill-Kumitat Konġunt għar-riżoluzzjoni.

KAPITOLU V
KALKOLU U ĦLAS TAT-TARRIFI U TAL-KONTRIBUZZJONIJIET MARBUTA MAL-QABDIET

1. Sa mhux aktar tard mill-20 ta' Frar ta' kull sena, l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi d-*data* aggregata li tindika l-kwantitajiet tal-qabdiet għal kull bastiment għal kull xahar u għal kull speċi tal-qabdiet mwettqa fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, tul is-sena kalendarja preċedenti, flimkien ma' kalkolu tat-tariffi dovuti għal kull bastiment.

2. Il-Gabon jista' jikkontesta d-*data* pprovduta abbażi tal-evidenza sal-15 ta' Marzu. Mid-data ta' din il-kontestazzjoni, il-Partijiet għandu jkollhom xahar biex jaqblu dwar id-*data*. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-posta jew permezz ta' vidjokonferenzi mill-aktar fis, fejn xieraq fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

3. Ir-rendikonti vvalidati miż-żewġ Partijiet għandhom jiġu kkomunikati lis-sidien tal-bastimenti mill-Unjoni mingħajr dewmien biex jitwettaq il-pagament fuq il-qabdiet li jkun fadal fi żmien 30 jum, fil-kont bankarju maħsub għall-pagament tat-tariffi. Il-Gabon għandu jimmonitorja dawn il-pagamenti u jirrapporta lill-Unjoni dwar kwalunkwe dewmien u pagamenti potenzjali li ma jseħħux. Sadattant, l-Unjoni għandha tiżgura li l-pagamenti jkunu effettivi fil-perjodu stabbilit.

4. Ir-rendikonti vvalidati għandhom iservu bħala l-bażi għall-kalkolu għall-pagament mill-Unjoni tat-tunnellaġġ tal-qabdiet addizzjonali f'każ li jinqabeż it-tunnellaġġ ta' referenza għal sena sħiħa, kif previst fl-Artikoli 13 u 14 tal-Protokoll.

KAPITOLU VI
TRASBORD U ĦATT L-ART FIL-GABON

1. OBJETTIVI TA' ŻVILUPP TAS-SETTUR TAS-SAJD - INĊENTIVI

Fil-kuntest tal-politika tal-industrijalizzazzjoni tas-settur tas-sajd imwettqa mill-Gabon, il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni ekonomika fis-settur tas-sajd u tal-ipproċessar sabiex jixprunaw l-investimenti, il-valorizzazzjoni tar-riżorsi, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiliment ta' bilanċ xieraq bejn il-provvista u d-domanda. F'dan il-kuntest jingħataw inċentivi lill-bastimenti. B'mod aktar speċifiku, il-Gabon stabbilixxa bħala objettiv aħħari, it-trasbord jew il-ħatt l-art tal-prodotti kollha maqbuda fl-ilmijiet tiegħu.

2. OBJETTIV TAL-PROVVISTA LIS-SUQ

2.1. Sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel, qabel bidu l-istaġun tas-sajd, l-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jipprovdu lill-Unjoni bi stima tal-kwantitajiet tal-prodotti tas-sajd li t-trasbord jew il-ħatt l-art tagħhom hu mixtieq, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari il-ħtiġijiet tal-provvista għall-industriji tal-ipproċessar lokali. L-Unjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-operaturi li jinsabu fiż-żona tas-sajd tal-Gabon permezz tal-Istati Membri. L-operaturi għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Gabon dwar ir-rieda tagħhom li jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet, fejn mill-inqas 30 % tal-qabdiet għandhom jiġu trasbordati f'port tal-Gabon, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet finanzjarji u kummerċjali tas-suq u f'konformità sħiħa man-negozjati kummerċjali bejn l-operaturi u mal-kundizzjonijiet miftiehma bejniethom.

2.2. Kull bastiment li jittrasborda f'port tal-Gabon jintrabat li jħott l-art 100 % tal-qabdiet inċidentali miżmuma abbord waqt it-trasbord, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet finanzjarji u kummerċjali tas-suq u f'konformità sħiħa man-negozjati kummerċjali bejn l-operaturi u mal-kundizzjonijiet miftiehma bejniethom.

3. PROĊEDURA TA' ĦATT L-ART U TA' TRASBORD

3.1. Il-kaptan tal-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jgħarraf d-dħul tiegħu fil-port lill-awtorità kompetenti mill-inqas 48 siegħa qabel, billi jindika:

(a) isem il-bastiment tiegħu;

(b) il-port tal-ħatt l-art jew tat-trasbord;

(c) isem il-bastiment tal-merkanzija li jirċievi l-prodotti trasbordati, fejn xieraq;

(d) id-destinazzjoni tal-qabdiet li jkunu ġew trasbordati jew li jkunu nħattu l-art;

(e) id-data u l-ħin mistennija tad-dħul fil-port, tat-trasbord jew ta' ħatt l-art;

(f) il-kwantitajiet ta' kull speċi miżmuma abbord jew skartata jew li trasbordati, f'kilogrammi ta' piż ħaj jew fejn xieraq, f'għadd ta' ħut individwali. Kull speċi għandha tkun identifikata permezz tal-Kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha.

3.2. L-operazzjoni ta' ħatt l-art jew ta' trasbord għandha titwettaq f'wieħed mill-portijiet awtorizzati jew fiż-żona tiegħu. Il-portijiet awtorizzati huma dawk ta' Owendo u ta' Port-Gentil.

3.3. It-trasbord fuq il-baħar huwa pprojbit.

3.4. Il-qabdiet trasbordati għandhom ikunu eżenti mid-dazji doganali jew mit-taxxi ekwivalenti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-tranżitu tal-merkanzija.

KAPITOLU VII
KONTROLL

1. DĦUL FIŻ-ŻONA U ĦRUĠ MINNHA

1.1. Kull dħul jew ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Gabon minn bastiment tal-Unjoni li għandu liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll għandu jiġi mgħarraf lil Gabon sa mhux aktar tard minn 3 sigħat qabel id-dħul jew il-ħruġ permezz tal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 8.

1.2. In-notifika għandha titwettaq permezz tal-ERS jew fin-nuqqas ta' dan, bil-posta elettronika fl-indirizzi elettroniċi li jinsabu fl-Appendiċi 3. Il-Gabon għandu jgħarraf mingħajr telf ta' żmien lill-bastimenti kkonċernati u lill-Unjoni b'kull bidla fl-indirizz elettroniku li permezz tiegħu jsiru n-notifiki tad-dħul u tal-ħruġ.

1.3. Barra minn hekk, l-ewwel u l-aħħar pożizzjonijiet tal-VMS ta' bastiment għandhom jintbagħtu liċ-ĊMS tal-Gabon meta l-limitu taż-żona tas-sajd jinqabeż, fid-dħul jew fil-ħruġ minnha.

1.4. Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tas-sajd tal-Gabon mingħajr ma jkun avża minn qabel il-preżenza tiegħu għandu jitqies bħala bastiment li jistad b'mod illegali.

2. SPEZZJONI FUQ IL-BAĦAR JEW FIL-PORT

2.1. L-ispezzjoni tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gabon għandha titwettaq minn spetturi u minn bastimenti awtorizzati mill-Gabon li huma identifikati b'mod ċar bħala assenjati għall-ispezzjoni tas-sajd.

2.2. L-ispezzjoni fil-port tal-bastimenti tal-Unjoni titwettaq biss minn timijiet tas-sorveljanza tal-gvern awtorizzati mill-Gabon u li huma identifikati b'mod ċar bħala assenjati għall-kontroll tas-sajd.

2.3. Qabel ma jitilgħu abbord, it-timijiet tas-sorveljanza tal-gvern għandhom iwissu lill-bastiment tal-Unjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu spezzjoni. Kull tim tas-sorveljanza huwa magħmul minn massimu ta' erba' uffiċjali tas-sorveljanza mid-DGPA u minn sitt uffiċjali tas-sorveljanza tal-Forza Navali. Fejn xieraq, massimu ta' żewġ osservaturi awtorizzati jistgħu jkunu preżenti tul l-ispezzjoni. Dawn ma għandhomx jieħdu sehem dirett fl-attivitajiet ta' spezzjoni. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tippreġudika lill-bastiment jew lill-ekwipaġġ jew tinterferixxi fl-attivitajiet tagħhom. Huma għandhom ikunu taħt superviżjoni kostanti tal-Kap tal-missjoni tal-ispezzjoni u jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu.

2.4. L-uffiċjali tas-sorveljanza għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-Unjoni biss għall-ħin meħtieġ biex iwettqu d-dmirijiet marbutin mal-ispezzjoni. Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'tali mod li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq il-bastiment u fuq l-attività tas-sajd u fuq il-merkanzija tiegħu.

2.5. L-immaġnijiet (ritratti jew vidjos) li jittieħdu waqt l-ispezzjonijiet għandhom ikunu riżervati għall-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll u għas-sorveljanza tas-sajd. Dawn ma jridux jiġu ppubblikati sakemm il-leġiżlazzjoni tal-Gabon ma tipprevedix mod ieħor.

2.6. Il-Gabon jista' jawtorizza lill-Unjoni sabiex tipparteċipa fl-ispezzjoni fuq il-baħar jew fuq ir-rmiġġ bħala osservatur.

2.7. Il-kaptan tal-bastiment tal-Unjoni għandu jħaffef l-imbark tal-ispetturi u xogħol it-tim tas-sorveljanza.

2.8. Fi tmiem kull spezzjoni, it-tim tas-sorveljanza għandu jfassal rapport tal-ispezzjoni. Dan ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-kaptan li għandu d-dritt li jżid il-kummenti.

2.9. L-iffirmar ta' dan ir-rapport mill-kaptan huwa biss konferma tal-wasla tad-dokument u ma jippreġudikax id-dritt ta' difiża ta' sid il-bastiment f'każ ta' ksur. Jekk il-kaptan jirrifjuta li jiffirma d-dokument, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għal dan bil-miktub u l-kap tat-tim tas-sorveljanza għandu jżid il-kliem "irrifjuta(t) li jiffirma/tiffirma" fuq id-dokument. It-tim tas-sorveljanza għandu jagħti kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan qabel ma jħalli l-bastiment. Il-Gabon għandu jibgħat ukoll kopja ta' dan ir-rapport lill-Unjoni Ewropea fi żmien 48 siegħa minn tmiem l-ispezzjoni.

2.10. Fil-każ ta' ksur, il-Gabon għandu jibgħat kopja tal-minuti lill-Unjoni fi żmien 15-il jum xogħol mill-ispezzjoni. Kull sejba ta' ksur tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Gabon għandha titfassal minn uffiċjal tas-sorveljanza tas-sajd skont il-proċeduri fis-seħħ fil-Gabon.

3. SORVELJANZA PARTEĊIPATTIVA FIR-RIGWARD TAL-ĠLIEDA KONTRA S-SAJD IUU

3.1. Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-bastimenti tas-sajd u ta' appoġġ tal-Unjoni għandhom jirrapportaw il-preżenza, fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, ta' kull bastiment li ma jinsabx fil-lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu fil-Gabon msemmija fil-Kapitolu II, il-paragrafu 4.

3.2. Jekk il-kaptan ta' bastiment tas-sajd jew ta' bastiment ta' appoġġ tal-Unjoni josserva bastiment tas-sajd jew bastiment ta' appoġġ iwettaq attivitajiet li jistgħu jkunu attivitajiet tas-sajd IUU, huwa għandu jagħmel ħiltu sabiex jiġbor informazzjoni kemm jista' dwar dan u jfassal rapport minnufih. Dan ir-rapport ta' osservazzjoni għandu jintbagħat minnufih liċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istat tal-bandiera tiegħu u tal-Gabon. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera għandhom jibagħtu minnufih kopja lill-Kummissjoni Ewropea.

3.3. Il-Gabon għandu jibgħat lill-Unjoni kull rapport ta' osservazzjoni li jkollu rigward il-bastimenti tas-sajd jew il-bastimenti ta' appoġġ ta' kull Stat tal-bandiera li mhux tal-Gabon li jkunu qed iwettqu attivitajiet issuspettati li huma attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żona tas-sajd tal-Gabon.

KAPITOLU VIII
SISTEMA TA' SORVELJANZA BIS-SATELLITA (VMS)

1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1.1. Meta jkunu fl-ilmijiet tal-Gabon, il-bastimenti tal-Unjoni b'liċenzja maħruġa skont dan il-Protokoll għandhom ikunu mgħammra b'apparat ta' lokalizzazzjoni bis-satellita li jiżgura l-komunikazzjoni awtomatika tal-messaġġi tal-pożizzjoni liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd (ĊMS) tal-Istat tal-Bandiera tagħhom:

(a) b'mod elettroniku bl-użu ta' protokoll ta' skambju ta' *data* sikur;

(b) bi frekwenza ta' daqs siegħa jew inqas tul il-preżenza fiż-żona tas-sajd;

(c) fil-format indikat fl-Appendiċi 9.

1.2. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku ta' din id-*data*, li għandu jirreġistra f'forma elettronika u li jżomm b'mod sikur f'bażi tad-*data* kompjuterizzata, tul mill-inqas 36 xahar.

1.3. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd u ta' appoġġ tal-Unjoni għandu jiżgura li l-apparat ta' lokalizzazzjoni bis-satellita installat abbord il-bastiment tiegħu jkun operazzjonali l-ħin kollu, u għandu jiżgura t-trażmissjoni effettiva tad-*data* kif imsemmi fil-punt 1 liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera.

1.4. Il-kaptan għandu jitqies bħala responsabbli għal kull manipulazzjoni ppruvata tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satelliti maħsub ifixkel l-operat ta' din is-sistema jew li jiffalsifika l-messaġġi tagħha dwar il-pożizzjoni tal-bastiment.

1.5. In-nonkonformità mad-dispożizzjonijiet relatati mal-lokalizzazzjoni tal-bastimenti permezz tas-satelliti titqies bħala ksur u hi soġġetta għall-pieni previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Gabon.

2. *DATA* TAL-VMS

Kull messaġġ ta' pożizzjoni għandu jinkludi:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(b) il-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment, f'latitudni u f'lonġitudni, b'marġni ta' errur tal-pożizzjoni ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' fiduċja ta' 99 %;

(c) id-data u l-ħin, f'Ħin Universali Kkoordinat (UTC) tal-iffissar ta' din il-pożizzjoni;

(d) il-veloċità tal-bastiment u d-direzzjoni li fiha jkun qed jivvjaġġa.

3. KOMUNIKAZZJONI TAL-MESSAĠĠI TA' POŻIZZJONI LILL-GABON

3.1. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament u minnufih il-messaġġi tal-pożizzjoni riċevuti liċ-ĊMS tal-Gabon. Madankollu, kull bastiment li jopera fiż-żona tas-sajd tal-Gabon għandu jkun viżibbli fuq is-sistema tal-VMS minn meta jidħol u sakemm iħalli effettivament dik iż-żona, jew sakemm jasal f'port tal-Gabon.

3.2. Din it-trażmissjoni issir bl-użu tal-mezzi elettroniċi mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambji standardizzati tad-*data* rigward is-sajd.

3.3. L-Unjoni għandha tiġi mgħarrfa minnufih b'kull ħsara fil-komunikazzjoni u li tikkonċerna l-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni, sakemm tinstab soluzzjoni teknika għal dan mill-aktar fiss. Il-Kumitat Konġunt għandu jipprova jsolvi kwalunkwe tilwim li jista' jirriżulta minn dan.

3.4. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u tal-Gabon, kif ukoll l-Unjoni Ewropea, għandhom jiskambjaw l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt u għandhom jinfurmaw rwieħhom rigward kull bidla f'dawn l-indirizzi li jintużaw f'każ ta' ħsara jew anomalija fit-trażmissjoni tad-*data*.

4. ĦSARA FIS-SISTEMA TA' SORVELJANZA PERMEZZ TA' SATELLITA

4.1. Iċ-ĊMS tal-Gabon għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera minnufih jekk ikun hemm interruzzjoni fil-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni mibgħuta minn bastiment li l-aħħar messaġġ dwar il-pożizzjoni tiegħu kien fl-ilmijiet tal-Gabon. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jinvestiga minnufih ir-raġunijiet għal din l-interruzzjoni, fejn xieraq permezz ta' skambju mal-Unjoni Ewropea, u għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Gabon bir-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet fi żmien 24 siegħa.

4.2. F'każ ta' ħsara fis-sistema ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita mbarkata abbord il-bastiment, il-kaptan tal-bastiment għandu jikkomunika l-pożizzjonijiet tiegħu lill-Istat tal-bandiera u liċ-ĊMS tal-Gabon bi kwalunkwe mezz ieħor. Dawn il-messaġġi manwali għandhom jiġu rreġistrati minnufih miċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera fil-bażi tad-*data* kompjuterizzata msemmija fil-paragrafu 1.2 u mibgħuta mill-ġdid liċ-ĊMS tal-Gabon skont l-istess dispożizzjonijiet bħall-pożizzjonijiet awtomatiċi. Din il-komunikazzjoni għandha tibda hekk kif il-kaptan tal-bastiment jinduna jew jiġi infurmat bil-ħsara tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita. F'dan il-każ japplikaw id-dispożizzjonijiet rigward il-proċeduri tad-dħul u tal-ħruġ.

4.3. Jekk is-sistema ma tissewwiex fi żmien għaxart ijiem, l-Istat tal-bandiera, għandu jgħarraf lill-bastiment bl-obbligu tiegħu li joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Gabon.

Għalhekk, il-bastiment għandu joħroġ mill-ilmijiet tal-Gabon jew jista' jmur f'port tal-Gabon biex isiru t-tiswijiet.

4.4. Jekk l-interruzzjoni tal-wasla tal-messaġġi tal-pożizzjoni hi kkaġunata minħabba ħsara fis-sistemi elettroniċi li jkunu taħt il-kontroll tal-parti Ewropea jew tal-Gabon, il-Parti kkonċernata għandha tieħu kull azzjoni minnufih biex issolvi l-ħsara mill-aktar fis. Il-Parti l-oħra għandha tiġi mgħarrfa mill-ewwel malli tissolva l-problema. Id-*data* li ma tasalx għand iċ-ĊMS tal-Gabon għandha tingħatalu malli tissolva l-problema. F'każ li l-ħsara tikkonċerna s-sistemi elettroniċi taħt il-kontroll tal-Parti Ewropea, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Gabon bil-messaġġi kollha dwar il-pożizzjoni li rċieva, kull 24 siegħa permezz tal-posta elettronika.

4.5. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jgħarrfu lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-Unjoni ma jitqisux li qed iwettqu ksur talli naqqsu milli jħarsu l-obbligu tagħhom li jibagħtu d-*data* tal-VMS.

KAPITOLU IX
KSUR

1. OSSERVAZZJONI U TRATTAMENT TAL-KSUR

1.1. Kull ksur osservat minn uffiċjal tas-sorveljanza debitament awtorizzat għandu jiġi rreġistrat fir-rapport imfassal minn dan l-uffiċjal.

1.2. Ir-rapport tal-ksur jista' jinkludi elementi oħra għajr dawk tal-ispezzjoni fil-baħar jew fil-port li jsawru ġabra ta' evidenza bħar-rekords tal-pożizzjonijiet tal-VMS, l-immaġnijiet mill-ajru jew bis-satellita, l-elementi li ħarġu mis-sorveljanza parteċipattiva jew mis-sorveljanza elettronika, jew ir-rapporti tal-osservaturi.

1.3. Kopja tar-rapport tal-ksur għandha tintbagħat lill-Unjoni u lill-Istat tal-bandiera fi żmien 48 siegħa min-notifika tagħha lill-ħati.

2. DETENZJONI TAL-BASTIMENT — LAQGĦA TA' INFORMAZZJONI

2.1. F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Gabon, kull bastiment tal-Unjoni li jikser il-liġi jista' jiġi obbligat li jwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u meta l-bastiment ikun fuq il-baħar, jista' jiġi obbligat li jidħol f'port tal-Gabon jew jitlaq temporanjament miż-żona tas-sajd tal-Gabon.

2.2. Il-Gabon għandu jgħarraf lill-Unjoni b'kull interruzzjoni tal-attività ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu liċenzja, fi żmien 24 siegħa . Dik in-notifika għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-detenzjoni tal-bastiment.

2.3. Qabel ma jieħu kwalunkwe miżura kontra l-bastiment, il-kaptan, l-ekwipaġġ jew il-merkanzija, għajr għall-miżuri maħsuba għall-ħarsien tal-evidenza, fuq talba tal-Unjoni u fi żmien tlett ijiem xogħol min-notifika tal-interruzzjoni tal-attivitajiet tal-bastiment, il-Gabon għandu jorganizza laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għall-interruzzjoni u sabiex jiġi spjegat x'azzjoni oħra tista' tittieħed. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi din il-laqgħa ta' informazzjoni.

3. PIENI GĦALL-KSUR — PROĊEDURA GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM

3.1. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jistabbilixxu l-pieni għall-ksur skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

3.2. Kull ksur, għajr għal dak kriminali, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim f'konformità mal-liġi tal-Gabon. Ir-rappreżentanti ta' sid il-bastiment għandhom jieħdu sehem f'dik il-proċedura. Il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim għandha tintemm sa mhux aktar tard minn 15-il jum min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment.

3.3. Il-Gabon għandu jgħarraf lill-Unjoni dwar tmiem il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim fi żmien 48 siegħa.

4. PROĊEDIMENTI LEGALI — GARANZIJA BANKARJA

4.1. Jekk il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim ma tirnexxix, il-qrati tal-Gabon għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu l-kawża. Sid il-bastiment li jkun wettaq il-ksur jista' jiddepożita garanzija bankarja f'bank maħtur mill-Gabon, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mill-Gabon, għandu jkopri l-kostijiet relatati mad-detenzjoni tal-bastiment, mal-multa stmata u ma' kwalunkwe kumpens. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċedimenti legali.

4.2. Il-garanzija bankarja għandha tiġi rilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment wara li tinqata' s-sentenza:

(a) bis-sħiħ jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena, mingħajr preġudizzju għall-kostijiet marbuta mad-detenzjoni tal-bastiment;

(b) skont l-ammont tal-bilanċ li jkun għad fadal, jekk il-piena tkun multa li tkun inqas mill-ammont tal-garanzija bankarja.

4.3. Il-Gabon għandu jgħarraf lill-UE bir-riżultat tal-proċedimenti legali fi żmien tmient ijiem xogħol minn meta tingħata s-sentenza.

5. RILAXX TAL-BASTIMENT U TAL-EKWIPAĠĠ

Il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-multa tkun tħallset fi proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Gabon. L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom joħorġu att ta' rilaxx li jkopri l-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu.

KAPITOLU X
IMBARK TAL-BAĦĦARA

1. Tul l-attività tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, il-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni jistgħu jimbarkaw baħħara tal-Gabon fil-limiti li ġejjin:

– għall-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, total ta' sitt baħħara għall-flotta kollha,

– għat-tieni sena ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, total ta' tmien baħħara,

– għas-snin ta' wara, total ta' għaxar baħħara fis-sena.

2. Għaldaqstant, qabel l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u mbagħad f'Jannar ta' kull sena, il-Gabon għandu jibgħat lill-Unjoni lista tal-baħħara kapaċi u kwalifikati, aġġornata kif meħtieġ, stabbilita skont il-kriterji ta' kwalifika u l-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Appendiċi 10. Id-disponibbiltà ta' tali lista għandha tkun kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

3. Sidien il-bastimenti, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jimpjegaw baħħara minn fost dawk li jidhru f'din il-lista u għandhom jipproponulhom kuntratt. Il-firmatarji tal-kuntratt għandhom jingħataw kopja tal-kuntratt. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġu konklużi bejn sidien il-bastimenti u s-servizzi privati ta' reklutaġġ u ta'

kollokament tas-sajjieda approvati mill-Gabon jew minn Stat li rratifika l-konvenzjoni Nru 188 tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd.

4. Il-kuntratt ta' impjieg tal-baħħara għandu jiġi ffirmat bejn sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu u l-baħħar. Dan il-kuntratt għandu jiżgura lill-baħħar il-benefiċċju tas-sistema tas-sigurtà soċjali li huwa eliġibbli għalih, inkluż l-assigurazzjoni f'każ ta' mewt, mard jew inċident. Dan għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II tal-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd.

5. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol għandha tapplika kollha kemm hi għall-baħħara mbarkati fuq il-bastimenti tal-UE. Dan għandu x'jaqsam l-iktar mal-libertà tal-assoċjazzjoni, mar-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għan-negozjar kollettiv u mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni marbuta mal-impjiegi u mal-professjoni.

6. Il-paga tal-baħħara mbarkati għandha titħallas mis-sidien tal-bastimenti. Din għandha tiġi stabbilita, qabel l-imbark, wara ftehim komuni bejn sidien il-bastimenti u l-baħħara jew ir-rappreżentanti tagħhom. Titħallas regolarment. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-baħħara ma jistgħux ikunu inqas minn dawk applikabbli skont il-liġi tal-Gabon u fi kwalunkwe każ, mhux inqas mill-paga minima fix-xahar għal baħħar kwalifikat stabbilit mis-sottokumitat dwar is-salarji tal-baħħara tal-Kumitat Marittimu Konġunt tal-ILO.

7. L-ispejjeż ta' mobilizzazzjoni u ta' demobilizzazzjoni kif ukoll ta' ripatrijazzjoni tal-baħħara tal-Gabon, bejn il-port tal-imbark jew ta' ħatt l-art u l-post tad-domiċilju abitwali tagħhom għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

8. Sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jibgħat ismijiet il-baħħara mbarkati fuq il-bastiment ikkonċernat lill-awtorità kompetenti tal-Gabon, filwaqt li jsemmi r-rwol tagħhom fl-ekwipaġġ.

9. Jekk minħabba raġunijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, sid il-bastiment ma jistax isib baħħar li jkollu l-kwalifiki meħtieġa, sid il-bastiment għandu jiġi eżentat minn dan l-obbligu.

10. Kull baħħar impjegat abbord bastimenti tal-Unjoni għandu jirrapporta lill-kaptan tal-bastiment maħtur lejliet id-data proposta għall-imbark tiegħu. Fin-nuqqas ta' dan, sid il-bastiment għandu jinħeles mill-obbligu tiegħu li jimbarka l-baħħar.

11. Jekk il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jimbarkaw l-għadd ta' baħħara tal-Gabon previst fil-punt 1, huma għandhom iħallsu ammont fiss ta' EUR 25 għal kull baħħar li ma jimbarkax għal kull jum ta' attività ta' preżenza fiż-żona tas-sajd tal-Gabon. Il-Kumitat Konġunt għandu jħejji rapport annwali dwar l-imbark tal-baħħara tal-Gabon. Abbażi ta' din il-karta tal-bilanċ, il-pagamenti dovuti għandhom jitħallsu fi żmien tliet xhur mill-laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

KAPITOLU XI
OSSERVATURI

1. OSSERVAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

1.1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jħarsu l-obbligi tar-riżoluzzjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-ICCAT rigward l-osservaturi xjentifiċi u l-leġiżlazzjoni tal-Gabon, fosthom l-osservazzjoni elettronika.

1.2. Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u l-bastimenti ta' appoġġ tal-Unjoni awtorizzati skont dan il-Protokoll għandhom itellgħu osservatur abbord skont il-programm ta' osservazzjoni nazzjonali kif stipulati f'dan il-Kapitolu. Għandu jitqies ukoll l-imbark ta' iktar osservaturi, iżda dan għandu jsir bi qbil każ b'każ.

1.3. L-osservaturi għandhom jinħatru mill-awtoritajiet tal-Gabon.

1.4. L-osservaturi għandhom il-mandat li jiġbru d-*data* dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastiment, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Gabon.

1.5. Il-Gabon u l-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-Istati kostali l-oħra tal-Oċean Atlantiku tal-Lvant, sabiex tiġi appoġġata implimentazzjoni reġjonali miftiehma tal-programmi ta' osservazzjoni, skont l-ICCAT.

1.6. Meta bastiment li jopera fiż-żona tas-sajd tal-Gabon ma jkollux osservatur tal-Gabon, dak il-bastiment għandu l-obbligu li jibgħat ir-rapport tal-osservatur abbord lill-Gabon, mhux aktar tard minn 45 jum wara l-ħruġ tal-bastiment miż-żona tas-sajd tal-Gabon.

2. BASTIMENTI U OSSERVATURI MAĦTURA - IMBARK U ĦATT L-ART TAL-OSSERVATUR

2.1. Id-dežinjazzjoni tal-bastimenti li għandhom ittellgħu l-osservaturi tal-Gabon abbord għandha ssir malli jinħarġu l-liċenzji. Sabiex il-Gabon ikun jista' jottimizza l-ipprogrammar tiegħu, sidien il-bastimenti għandhom jibagħtu skeda provviżorja tal-waqfiet fil-portijiet għas-sena li jmiss direttament lill-awtoritajiet tal-Gabon qabel il-5 ta' Diċembru ta' sena. Għall-ewwel perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll, din l-iskeda tintbagħat meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja.

2.2. Malli jinħatru l-bastimenti, il-Gabon għandu jibgħat il-lista tal-bastimenti li għandhom itellgħu l-osservaturi tal-Gabon abbord lill-Unjoni u lis-sidien tal-bastiment. L-operaturi tal-bastimenti f' din il-lista għandhom jgħarrfu minnufih lill-Gabon b'kull tibdil fl-iskeda provviżorja tal-waqfiet fil-portijiet mibgħuta meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja.

2.3. L-operatur tal-bastiment għandu jikkonferma d-disponibbiltà tal-bastiment u l-port previst għall-imbark xahar qabel id-data ppjanata għall-imbark. Min-naħa l-oħra, il-Gabon għandu jikkomunika l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-osservatur maħtur. L-operatur tal-bastiment għandu jorganizza ruħu biex jiżgura li l-arranġamenti meħtieġa għall-imbark jitwettqu bl-aħjar mod possibbli.

2.4. Bastiment maħtur għandu jkun eżentat mill-obbligu li jtella' l-osservatur tal-Gabon abbord fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-osservatur maħtur ma jiġux ikkomunikati mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data prevista tal-imbark, jew

(b) meta osservatur akkreditat minn korp xjentifiku tal-Istat tal-bandiera, jew osservatur maħtur skont programm reġjonali, hu previst li jkun fl-istess bastiment matul l-istess perjodu. F'dan il-każ, sid il-bastiment għandu jgħarraf lill-Gabon u jtella' l-osservatur tal-Gabon abbord bastiment ieħor.

2.5. Kull falliment li jittella' abbord l-osservatur maħtur mill-Gabon għandu jiġi rrapportat fi żmien sebat ijiem min-notifika tal-Gabon tal-isem u tad-dettalji ta' kuntatt tal-osservatur maħtur.

2.6. Il-formalitajiet tal-imbark huma rregolati bejn il-Gabon u sid dan il-bastiment.

2.7. Osservatur jista' jagħmel biss żewġ vjaġġi konsekuttivi fuq l-istess bastiment.

2.8. Jekk l-osservatur ma jasalx għall-imbark fi żmien 12-il siegħa mid-data u l-ħin previsti, il-kaptan għandu jinħeles awtomatikament mill-obbligu tiegħu li jippermetti lill-osservatur jitla' abbord. Huwa għandu jkun ħieles li jħalli l-port u li jibda l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu.

3. KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA TAS-SIDIEN TAL-BASTIMENTI

3.1. Fil-mument tal-ħlas tat-tariffa nazzjonali b'rata fissa, sidien il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni jew ta' bastiment ta' appoġġ, għandhom iħallsu ammont b'rata fissa ta' EUR 2 500 għal kull bastiment biex ikopru l-kontribuzzjoni tagħhom għall-kostijiet li jibqgħu dovuti mill-Gabon għall-osservaturi mbarkati fuq il-bastimenti tagħhom.

3.2. L-ispejjeż ta' mobilizzazzjoni u ta' demobilizzazzjoni tal-osservatur, bejn il-port tal-imbark jew ta' ħatt l-art u l-post ta' domiċilju abitwali tiegħu għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

4. KUNDIZZJONIJIET TAL-IMBARK

4.1. Il-kundizzjonijiet tal-imbark tal-osservatur għandhom jiġu definiti bi qbil komuni bejn sid il-bastiment jew l-aġent tiegħu u l-Gabon.

4.2. Meta jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-akkomodazzjoni tiegħu abbord għandha tqis l-istruttura teknika tal-bastiment.

4.3. Sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel għall-osservatur abbord il-bastiment.

4.4. Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha sabiex jiggarantixxi s-sikurezza fiżika u l-benesseri ġenerali tal-osservatur.

4.5. L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijietu. Għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni tal-bastiment, għad-dokumenti rigward l-attivitajiet tas-sajd, b'mod partikolari għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd u għall-ġurnal tat-tbaħħir, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment marbuta direttament ma' dmirijietu.

5. OBBLIGI TAL-OSSERVATUR

Waqt li jkun abbord, l-osservatur għandu:

(a) jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex la jtellef u lanqas ixekkel l-operazzjonijiet tas-sajd;

(b) iħares il-beni u t-tagħmir li jkun hemm abbord;

(c) iħares il-kunfidenzjalità ta' kull dokument tal-bastiment.

6. DMIRIJIET L-OSSERVATUR

L-osservatur għandu jwettaq id-dmirijiet li ġejjin:

– jiġbor l-informazzjoni kollha relatata mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikolari rigward:

(a) l-irkapti tas-sajd użati;

(b) il-pożizzjoni tal-bastiment waqt l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu;

(c) il-kwantitajiet u l-għadd ta' ħut individwali maqbuda għal kull speċi, kif ukoll għall-qabdiet aċċessorji u inċidentali;

(d) l-għadd stmat tal-qabdiet miżmuma abbord u ta' dawk skartati;

– iwettaq il-kampjunar bijoloġiku previst fil-programmi xjentifiċi applikabbli.

7. RAPPORT TAL-OSSERVATUR

7.1. Qabel ma jinżel minn fuq il-bastiment, l-osservatur għandu jagħti rapport tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu jkollu d-dritt iżid il-kummenti fir-rapport tal-osservatur. Dawn il-kummenti għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-bqija tar-rapport. Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-osservatur u mill-kaptan, li għandu jirċievi kopja tar-rapport.

7.2. L-osservatur għandu jressaq ir-rapport lill-awtoritajiet tal-Gabon fi żmien tmint ijiem xogħol mill-ħatt l-art tiegħu.

7.3. Dawn l-awtoritajiet għandhom jibagħtu d-*data* tal-osservazzjonijiet miġbura fuq bażi annwali lill-Unjoni. Fuq talba tal-Unjoni, il-Gabon għandu jipprovdi kopja tar-rapporti individwali tal-osservaturi.

APPENDIĊIJIET

1. Appendiċi 1 - Koordinati taż-żoni tas-sajd - Żoni pprojbiti għas-sajd
2. Appendiċi 2 - Formoli tekniċi “Kundizzjonijiet tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni: tariffi, speċijiet fil-mira u miżuri tekniċi”
3. Appendiċi 3 – Dettalji ta’ kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti
4. Appendiċi 4 - Formola ta’ applikazzjoni għal-liċenzja tas-sajd jew applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-bastiment ta’ appoġġ
5. Appendiċi 5 - Ġurnal ta’ abbord dwar l-FAD (mudell ICCAT)
6. Appendiċi 6 - Formola tad-dikjarazzjoni tal-qabdiet
7. Appendiċi 7 - Użu tal-istandard UN/FLUX (ERS)
8. Appendiċi 8 - Format tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tal-ħruġ
9. Appendiċi 9 - Format tat-trażmissjonijiet tal-VMS
10. Appendiċi 10 - Kwalifiki meħtieġa għall-impjieg tal-baħħara mill-Gabon abbord bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-Unjoni

Appendiċi 1 - Koordinati taż-żoni tas-sajd - Żoni pprojbiti għas-sajd

Latitudni	Longitudni
0,69	9,164
0,373	9,124
0,27	9,075
- 0,137	8,813
- 0,659	8,48
- 1,163	8,451
- 1,637	8,639
- 1,976	8,859
- 2,565	8,957
- 3,237	9,633
- 4,281	10,88
- 4,734	10,535
- 5,031	10,22
- 5,68	9,541
- 6,358	8,849
- 6,004	8,499
- 5,896	8,411
- 5,225	7,74
- 4,813	7,328
- 4,781	7,306
- 4,49	7,044
- 4,089	7,142
- 3,682	7,231
- 3,273	7,29
- 2,31	7,386
- 2,073	7,372
- 1,623	7,313
- 1,485	7,284
- 0,884	7,481
- 0,432	7,636
- 0,298	7,697
- 0,006	7,848
0,564	8,195
0,616	8,202
0,69	9,164

L-attivitajiet tas-sajd huma pprojbiti fir-riżerva akkwatika ta' Mandji-Etimboué. Il-koordinati ta' din iż-żona huma:

– il-punt A jinsab f'latitudni ta' 0°38,87898'S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt B tul il-kosta;

– il-punt B jinsab f'latitudni ta' 0°54,11430'S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt C tul linja dritta;

– il-punt C jinsab f'0°55,27332'S; 8047,54736'E, dan hu marbut mal-punt D tul linja dritta;

– il-punt D jinsab f’1°0,84144’S; 8049,04160’E, dan hu marbut mal-punt E tul linja dritta;

– il-punt E jinsab f’1°5,49840’S; 8°52,58766’E, dan hu marbut mal-punt F tul linja dritta;

– il-punt F jinsab f’latitudni ta’ 1°4,42626’S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt G tul il-kosta;

– il-punt G jinsab f’latitudni ta’ 1°10,51230’S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt H tul linja dritta;

– il-punt H jinsab f’1°11,43552’S; 8056,54856’E, dan hu marbut mal-punt I tul linja dritta

– il-punt I jinsab f’1°16,87074’S; 8057,65568’E, dan hu marbut mal-punt 1 tul linja dritta;

– il-punt J jinsab f’1°22,94274’S; 900,24588’E, dan hu marbut mal-punt K tul linja dritta;

– il-punt K jinsab f’latitudni ta’ 1°21,95556’S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt L tul il-kosta;

– il-punt L jinsab f’latitudni ta’ 1°35,90000’S mal-kosta sal-marka tal-ilma għoli; dan hu marbut mal-punt M tul linja dritta;

– il-punt M jinsab f’1°35,90000’S; 8038,05000’E, dan hu marbut mal-punt N tul linja dritta;

– il-punt N jinsab f’1°9,36670’S; 8028,60000’E, dan hu marbut mal-punt 0 tul linja dritta;

– il-punt O jinsab f’0°46,66666’S; 8°38,43333’E, dan hu marbut mal-punt P tul linja dritta;

– il-punt P jinsab f’0°38,73642’S; 8°41,17032’E, dan hu marbut mal-punt A tul linja dritta.

Appendiċi 2 - Formoli ta’ informazzjoni teknika “Kundizzjonijiet tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni”: tariffi, speċijiet fil-mira u miżuri tekniċi.

Formola ta’ informazzjoni teknika Nru 1 - Sajd għat-tonn (bastimenti tas-sajd bit-tartaruni, bastimenti ta’ appoġġ, bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief)

Tip ta’ bastiment	Bastimenti tas-sajd bit-tartaruni mgħammra bi friża
Għadd ta’ bastimenti awtorizzati	27
Irkaptu u daqs tal-malja awtorizzati	- Irkaptu: Tartarun tal-borża.
Tariffa	- EUR 75 għall-ewwel perjodu tal-Protokoll, - EUR 80 sa tmiem il-Protokoll. Il-bidla fl-ammont tat-tariffa applikabbli għall-operaturi tibda tgħodd mill-1 ta’ Jannar 2022.
Ħlas bil-quddiem b’rata fissa u tunnellaġġ kopert	Ħlas bil-quddiem b’rata fissa. EUR 33 750 għall-ewwel perjodu tal-Protokoll; EUR 36 000 sa tmiem il-Protokoll. Tunnellaġġ kopert: 450 t kull bastiment. Il-liċenzja għandha tinħareġ għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru u l-ammont annwali għandu jkun dovut irrispettivament mill-perjodu effettiv tas-sajd.
Osservaturi	Tariffa: EUR 2 500 għal kull bastiment għad-durata tal-liċenzja, imħallsa meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja annwali.
Speċijiet fil-mira	Tonn u speċijiet oħra ta’ ħut li jpassu ħafna: speċijiet elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, għajr għall-ispeċijiet ipprojbiti mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) jew mil-leġiżlazzjoni tal-Gabon.
Tip ta’ bastiment	Bastimenti ta’ appoġġ
Għadd ta’ bastimenti awtorizzati	Massimu ta’ 4 (ara d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I, il-Paragrafu 3)
Żona ta’ attività	Żona tas-sajd, għajr għal bżonn partikolari (ara d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III Miżuri dwar l-FAD)
Tariffa	EUR 7 500 għal kull bastiment kull sena.
Osservaturi	Tariffa: EUR 2 500 għal kull bastiment għad-durata tal-awtorizzazzjoni, imħallsa meta ssir l-applikazzjoni annwali

Obbligi speċifiċi	Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT Trażmissjoni tal-ġurnal ta' abbord dwar l-FAD.
Tip ta' bastiment	Bastimenti bil-qasab u x-xlief
Għadd ta' bastimenti awtorizzati	6
Irkaptu u daqs tal-malja awtorizzati	- Irkaptu: qasab u xlief - Daqs tal-malja: għandu jiġi ddefinit għall-qbid tal-lixka (kif ukoll il-kwantitajiet li jistgħu jittieħdu, żoni u metodi għall-kampjunar)
Tariffa	- EUR 75 għall-ewwel perjodu tal-Protokoll; - EUR 80 sa tmiem il-Protokoll; Il-bidla fl-ammont tat-tariffa applikabbli għall-operaturi tibda tgħodd mill-1 ta' Jannar 2022.
Ħlas bil-quddiem b'rata fissa u tunnellaġġ kopert	Ħlas bil-quddiem EUR 2 400 għall-ewwel perjodu tal-Protokoll; EUR 2 560 sa tmiem il-Protokoll. Tunnellaġġ kopert: 32 t kull bastiment. Il-liċenzja għandha tinħareġ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru u l-ammont annwali għandu jkun dovut irrispettivament mill-perjodu effettiv tas-sajd.
Speċijiet fil-mira	Tonn u speċijiet oħra ta' ħut li jpassu ħafna: speċijiet elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, għajr għall-ispeċijiet ipprojbiti mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) jew mil-leġiżlazzjoni tal-Gabon.
Obbligi speċifiċi	Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT.

Formola ta' informazzjoni teknika Nru 2 — Sajd għall-krustaċji tal-qiegħ

Tip ta' bastiment	Bastiment tat-tkarkir mgħammar bi friża
Żona tas-sajd	Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linji bażi, u fiż-żona ddefinita fl-Appendiċi 1.
Għadd ta' bastimenti awtorizzati	4
Irkaptu, daqs tal-malja u dispożittivi awtorizzati	Xibka klassika tat-tkarkir bid-diriġenti; irkaptu selettiv ieħor jista' jiġi awtorizzat. Daqs minimu tal-malji awtorizzat: 50 mm It-tanguni huma awtorizzati Kull tip ta' rkaptu tas-sajd huwa pprojbit milli juża' l-mezzi jew it-tagħmir kollu sabiex jimblokka l-malji tax-xbieki jew inaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom. Madankollu, sabiex jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, jista' jitwaħħal biss inforr tat-taħkik għall-protezzjoni magħmul mix-xibka jew minn materjal ieħor taħt il-parti ta' isfel tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Dan l-inforr tat-taħkik għandu jitwaħħal biss mal-parti ta' quddiem u mal-ġnub tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir. Għan-naħa ta' fuq tax-xibka tat-tkarkir jista' jintuża tagħmir ta' protezzjoni dment li dan ikun magħmul minn biċċa waħda tax-xibka li tkun magħmula mill-istess materjal tal-manka u li l-malji tagħha jkunu ta' mill-inqas 300 millimetru meta d-drapp ikun stirat. Mhux permess l-irduppjar tal-ħajt sempliċi jew immaljat tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir.
Speċijiet fil-mira	Krustaċji tal-qiegħ (speċifika l-ispeċi skont ir-riżultati tas-sajd esploratorju).
Qabdiet inċidentali awtorizzati	Mhux aktar minn 15 % ta' ċefalopodi u 70 % tal-qabdiet abbord fuq il-qabdiet kollha mwettqa fiż-żona tas-sajd tal-Gabon fi tmiem vjaġġ tas-sajd. Kull qbiż tal-perċentwali tal-qabdiet aċċessorji awtorizzati għandu jiġi penalizzat f'konformità mar-regolamenti nazzjonali.
Speċijiet ipprojbiti	Il-bastiment tat-tkarkir jħarsu d-dispożizzjonijiet tad-Digriet Nru 12 tat-8 ta' Ottubru 2019 dwar il-klassifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-annimali akkwatiċi u tad-Digriet Nru 014 li jirregola s-sajd sostenibbli għall-klieb il-baħar u r-rebekkini u r-raj fir-Repubblika tal-Gabon.
Tunnellaġġ awtorizzat (qabdiet totali permissibbli)	0 t
Tariffa EUR/t għall-krustaċji, għaċ-ċefalopodi u għall-ħut tal-qiegħ	Biex jiġi deċiż fil-Kumitat Konġunt.

Appendiċi 3 – Dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti

I. Repubblika tal-Gabon:

1. DIRETTORAT GĦAS-SAJD U L-AKKWAKULTURA - DGPA

Posta elettronika: dgpechegabon@netcourrier.com

Numru tat-telefon: +241 011-74-89-92

Numru tal-fax: +241 011-76-46-02

2. ĊENTRU TA' MONITORAĠĠ TAS-SAJD ĊMS-GABON

Posta elettronika: csp.gabonpeche@gmail.com

Tel/fax: +241 011-76-98-47

Koordinati tal-istazzjoni tar-radju:

Kodiċi:

Banda ta' Frekwenzi	Frekwenza tal-emissjonijiet tal-bastiment	Frekwenza tar-riċezzjoni tal-bastiment
8	8285 kHz	8809 kHz
12	12245 kHz	13092 kHz
16	16393 kHz	17275 kHz

Indirizz tal-posta elettronika tal-punti ta' kuntatt biex tintbagħat id-*data* VMS/ERS:

Posta elettronika: csp.gabonpeche@gmail.com

Tel/fax: +241 011-76-98-47

3. ĊENTRU NAZZJONALI GĦAR-RIĊERKA XJENTIFIKA U TEKNOLOĠIKA (CENAREST)

Posta elettronika: secretariat@iraf-gabon.org

Tel/fax: +241 011-73-25-65- +241 011-73-08-59

II. L-Unjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea – id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE)

Rue Joseph II, 99, 1049 Brussell: MARE-B3@ec.europa.eu

Applikazzjoni għal-liċenzji, formoli ta' spezzjoni, notifiki ta' rapporti ta' ksur:

MARE-LICENCES@ec.europa.eu

Monitoraġġ tal-qabdiet: MARE-CATCHES@ec.europa.eu

Konnessjoni ERS VMS permezz ta' FLUX: fish-fidesinfo@ec.europa.eu

Appendiċi 4 - Formola ta’ applikazzjoni

FTEĦIM TAS-SAJD GABON - UNJONI EWROPEA - APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA TAS-SAJD JEW AWTORIZZAZZJONI TAL-BASTIMENT TA’ APPOĠĠ

Applikazzjoni: ☐ applikazzjoni ġdida ☐ tiġdid
Kategorija tas-sajd: ☐ sajd bil-bastiment tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief ☐ sajd sperimentali
Tip ta’ bastiment: ☐bastiment tas-sajd bit-tartaruni ☐ bastiment ta’ appoġġ ☐ oħrajn: ……
Perjodu ta’ awtorizzazzjoni: (JJXXSSSS) - (JJXXSSSS)

I - APPLIKANT
1. Isem sid il-bastiment: .....
2. Isem l-assoċjazzjoni jew ir-rappreżentant tas-sid tal-bastiment: .....
3. Indirizz tal-assoċjazzjoni jew tar-rappreżentant tas-sid tal-bastiment: ……
…….....
.....
4. Telefon:..... 5. Posta elettronika: ……..….
6 Isem il-kaptan: ..... 7. Nazzjonalità: .....

II-BASTIMENT, IDENTIFIKAZZJONI U *DATA* TA’ KOMUNIKAZZJONI
1. Isem il-bastiment: .....
2. Stat tal-bandiera: .....
3. Numru tar-reġistrazzjoni estern: .....
4. Port tar-reġistrazzjoni: ……. 5. MMSI: ……..…
6. Numru tal-OMI:…… 7. Data li fiha nkisbet il-bandiera attwali: .....
8. Bandiera ta’ qabel (fejn xieraq):…… ……
9. Sena u post tal-kostruzzjoni: .....10. Sinjal tas-sejħa bir-radju (IRCS).....
11. Numru tat-telefon bis-satellita (fejn xieraq)……..……
12. Indirizz tal-posta elettronika abbord il-bastiment (fejn xieraq): ……
13. Sinjal ta’ indikazzjoni tal-VMS: Kodiċi ta’ identifikazzjoni: ……

III - KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U TAT-TAGĦMIR
1. Tul totali: ..... Wisa’: .....
2. Tunnellaġġ gross (espress f’TG): ..... Tunnellaġġ nett: .....
3. Qawwa tal-magna prinċipali f’KW: …Ditta: ..... Tip:.....
4. Irkaptu tas-sajd: .....
6. Żoni tas-sajd: ……..
7. Speċijiet fil-mira.……
8. Għadd totali ta’ membri tal-ekwipaġġ abbord: .....
9. Metodu ta’ konservazzjoni abbord: Tkessiħ☐ Refriġerazzjoni☐ Metodu mħallat☐ Iffriżar☐
10. Kapaċità tal-friża kull 24 siegħa (f’tunnellati): .....

11. Kapaċità tal-istivi: .....12. Numru: .....
13. Materjal tal-buq: Azzar ☐ Injam ☐ Poliester ☐ Oħrajn ☐
14. Bastiment ta' appoġġ assoċjat / lista tal-bastimenti appoġġati (għall-bastiment ta' appoġġ):

Magħmul fi ....., il-…
Firma tal-applikant .....
Timbru…….

Il-partijiet griżi ma jridux jimtlew għall-bastimenti ta' appoġġ.

Appendiċi 5 - Ġurnal ta’ abbord dwar l-FAD

Marka tal-FAD	*Nru tal-baga*	*Tip ta’ FAD*	*Tip ta’ żjara*	*Data*	*Ħin*	*Pożizzjoni*		*Qabdiet stmati*			*Qabdiet inċidentali*				*Kummenti*
						Latitudni	*Longitudni*	*SKJ*	*YFT*	*BET*	*Grupp tassonomiku*	*Qabdiet stmati*	*Unità*	*Kampjun rilaxxat fl-ilma ħaj*	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)

(1) Jekk il-marka tal-FAD u n-numru ta’ identifikazzjoni tas-sinjal ta’ indikazzjoni assoċjat/tal-baga assoċjata jkunu neqsin jew ma jkunux jistgħu jinqraw, dan għandu jissemma f’din it-taqsima. Madankollu, jekk il-marka FAD u n-numru ta’ identifikazzjoni tas-sinjal ta’ indikazzjoni assoċjat/tal-baga assoċjata ikunu neqsin jew ma jkunux jistgħu jinqraw, l-FAD ma għandux jintuża.

(2) Jekk il-marka tal-FAD u n-numru ta’ identifikazzjoni tas-sinjal ta’ indikazzjoni assoċjat/tal-baga assoċjata jkunu neqsin jew ma jkunux jistgħu jinqraw, dan għandu jissemma f’din it-taqsima. Madankollu, jekk il-marka FAD u n-numru ta’ identifikazzjoni tas-sinjal ta’ indikazzjoni assoċjat/tal-baga assoċjata ikunu neqsin jew ma jkunux jistgħu jinqraw, l-FAD ma għandux jintuża.

(3) FAD ankrat, FAD naturali mitluq għal riħu, FAD artifiċjali mitluq għal riħu.

(4) jiġifieri skjerament, irfigħ, rinforz/konsolidazzjoni, tneħħija/irkupru, bidla tas-sinjal ta’ indikazzjoni, telf u semmi jekk iż-żjara kinitx segwita minn operazzjoni.

(5) jj/xx/ss

(6) ss:mm

(7) °N/S/mm/ss jew °E/W/mm/ss

(8) Qabdiet stmati espressi f’tunnellati metriċi.

(9) Uża linja waħda għal kull grupp tassonomiku.

(10) Qabdiet stmati espressi f’piż jew f’numru.

(11) Unità użata.

(12) Espress f'għadd ta' kampjuni.

Jekk il-marka FAD jew in-numru ta' identifikazzjoni tas-sinjal ta' indikazzjoni assoċjat ma jkunux disponibbli, f'din it-taqsima, ipprovdi kull informazzjoni disponibbli li tista' tgħin biex tiddeskrivi l-FAD u biex tidentifika sid il-FAD.

Appendiċi 6 — Formola tad-dikjarazzjoni tal-qabdiet

DÉPART / SALIDA / DEPARTURE	ARRIVÉE / LLEGADA / ARRIVAL	NAVIRE / BARCO / VESSEL	PATRON / PATRON / MASTER	FEUILLE/HOJA/SHEET N°
PORT / PUERTO / PORT DATE / FECHA / DATE HEURE / HORA / HOUR	PORT / PUERTO / PORT DATE / FECHA / DATE HEURE / HORA / HOUR	NOM / NOMBRE / NAME INDICATIF / INDICATIVO / CALLSIGN PAVILLON / BANDERA / FLAG		

DATE FECHA DATE	POSITION / POSICION / POSITION		CALÉE / LANCE / SET					CAPTURE ESTIMÉE / ESTIMACION DE LA CAPTURA / ESTIMATED CATCH															ASSOCIATION ASSOCIACIÓN ASSOCIATION						COMMENTAIRES OBSERVACIONES COMMENTS	T° Mer / Mar / Sea	COURANT / CORRIENTE / CURRENT	
								ALBACORE RABIL YELLOWFIN [YFT]		LISTAO LISTADO SKIPJACK [SKJ]		PATUDO PATUDO BIGEYE [BET]		GERMON ATÚN BLANCO ALBACORE [ALB]		AUTRE ESPÈCE préciser le/les nom(s) OTRA ESPECIE dar el/los nombre(s) OTHER SPECIES give name(s)			REJETS préciser le/les nom(s) DESCARTES dar el/los nombre(s) DISCARDS give name(s)															
	Latitudni [JJ XX.XX]	Longitudni [JJ XX.XX]	Nº Calée / Nº Lance / Nº Set	Portant / Positivo / Successful	Nul / Nulo / Nil	Heure / Hora / Time UTC	N° Cuve / Cuba / Well	Taille Talla Size	Capture Captura Catch	Taille Talla Size	Capture Captura Catch	Taille Talla Size	Capture Captura Catch	Taille Talla Size	Capture Captura Catch	Nom Nombre Name [FAO]	Taille Talla Size	Capture Captura Catch	Nom Nombre Name [FAO]	Taille Talla Size	Capture Captura Catch TM	Capture Captura Catch Number	Banc libre/Banco libre/Free school	Epave / Objeto / Log **N** (naturelle/natural), **A** (artificielle/artificial)	Bateau d'assistance Barco de apoyo / Supply vessel	Balise / Baliza / Beacon	Requin Baleine Tiburon Ballena / Shark Wale	Baleine / Ballena / Whale	Problèmes divers, type d'épave, prise accessoire, taille du banc, autres associations, … Problemas varios, tipo de objeto, captura accesoria, talla del banco, otras asociaciones, … Miscellaneous problems, log type), by catch, school size, other associations, …		Direction / Dirección / Direction	Vitesse / Velocidad / Speed Nœuds / Nudos / Knots
Une calée par ligne / Uno lance cada línea / One set by line																																

Appendiċi 7 - Użu tal-standard UN/FLUX u tan-network UE FLUX

1. L-istandard UN/FLUX (United Nations Fisheries Language for Universal eXchange) u n-network ta' skambju UE FLUX jintużaw għall-iskambju tal-pożizzjonijiet tal-bastimenti, tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku u tad-*data* dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

2. L-emendi tal-istandard UN/FLUX għandhom jiġu implimentati f'limitu ta' żmien definit mill-Kumitat Konġunt abbażi tad-dispożizzjonijiet tekniċi pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea, fejn xieraq permezz ta' skambju ta' ittri.

3. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-iskambji elettroniċi differenti huma definiti kif meħtieġ f'dokument ta' implimentazzjoni mħejji mill-Kummissjoni Ewropea.

4. Il-miżuri provviżorji jistgħu jintużaw sal-bidla għall-istandard UN/FLUX għal kull komponent (Pożizzjonijiet, ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, awtorizzazzjonijiet). L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jistabbilixxu l-perjodu meħtieġ għal din it-tranżizzjoni filwaqt li jqisu r-restrizzjonijiet tekniċi possibbli. Huma għandhom jistabbilixxu l-perjodu ta' provi previst qabel il-bidla għall-użu effettiv tal-istandard UN/FLUX. Ladarba dawn il-provi jitlestew b'suċċess, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu flimkien mill-aktar fis possibbli, id-data effettiva tal-applikazzjoni fil-Kumitat Konġunt jew permezz ta' skambju ta' ittri.

Appendiċi 8 - Format tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tal-ħruġ

Bastiment tas-sajd:			
Kumpanija:			
		Telefon:	
		Posta elettronika:	
		Telex:	
Konsenjatur:			
Destinatarju:			
Data:			
Tip ta' messaġġ:		RAPPORT TA' DĦUL	
Isem il-bastiment:			
Kodiċi tas-sinjal tar-radju:			
Numru tal-Liċenzja:			
DĦUL FIŻ-ŻEE TAL-GABON			
Data:			
Ħin (GMT):			
Pożizzjoni:			
QABDIET TOTALI ABBORD FIL-ĦIN TA' DĦUL FIŻ-ŻEE TAL-GABON			
Tonna safra (YFT)			00 kg
Palamit (SKJ)			00 kg
Tonn obeż (BET)			00 kg
Tumbrell (FRI)			00 kg
Kubrita (LTA)			00 kg
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)			
		TOTAL	00 kg
Indika l-qabdiet inċidentali abbord fil-ħin tad-dħul			
Klieb il-baħar			00 kg
Rebekkini u Raj			00 kg
		TOTAL	00 kg

Tislijiet

KAPTAN (Isem u timbru tal-bastiment)

Bastiment tas-sajd:				
Kumpanija:				
		Telefon:		
		Posta elettronika:		
		Telex:		
Konsenjatur:				
Destinatarju:				
Data:				
Tip ta' messaġġ:		RAPPORT TA' ĦRUĠ		
Isem il-bastiment				
Kodiċi tar-radju				
Numru tal-Liċenzja				
ĦRUĠ MIŻ-ŻEE TAL-GABON				
Data:				
Ħin (GMT):				
Pożizzjoni:				
QABDIET TOTALI ABBORD FIL-ĦIN TA' DĦUL FIŻ-ŻEE TAL-GABON				
Tonna safra (YFT)			00 kg	
Palamit (SKJ)			00 kg	
Tonn obeż (BET)			00 kg	
Tumbrell (FRI)			00 kg	
Kubrita (LTA)			00 kg	
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)			00 kg	
		TOTAL	00 kg	
QABDIET MAQBUDA FIŻ-ŻEE TAL-GABON				
Tonna safra (YFT)			00 kg	
Palamit (SKJ)			00 kg	
Tonn obeż (BET)			00 kg	
Tumbrell (FRI)			00 kg	
Kubrita (LTA)			00 kg	
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)				
		TOTAL	00 kg	
Indika l-qabdiet inċidentali abbord fil-ħin tal-ħruġ				
Klieb il-baħar			00 kg	
Rebekkini u Raj			00 kg	
		TOTAL	00 kg	

Tislijiet

KAPTAN (Isem u timbru tal-bastiment)

Appendiċi 9 - Format tat-trażmissjonijiet tal-VMS

Standard UN/FLUX: *data* obbligatorja li għandha tiġi trażmessa fir-rapporti ta' pożizzjoni

Data	**Kummenti**
Destinatarju	Dettalji dwar il-messaġġ — Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166) Kumment: Huwa parti mill-pakkett FLUX TL
Konsenjatur	Dettalji dwar il-messaġġ — Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż konsenjatur (ISO-3166)
Identifikatur uniku tal-messaġġ	UUID f'konformità mal-RFC 4122 iddefinit mill-IETF
Data u ħin tat-trażmissjoni	Data u ħin ta' meta nħoloq il-messaġġ fil-UTC f'konformità mal-istandard ISO 8601 u li juża l-format SSSS-XX-JJTss:mm:ss [.000000]Z[1]
Stat tal-Bandiera	Dettalji dwar il-messaġġ – Bandiera tal-Istat tal-bandiera, Kodiċi alfa 3 tal-pajjiż (ISO-3166)
Tip ta' Messaġġ	Dettalji dwar il-messaġġ – Tip ta' messaġġ Il-kodiċijiet li ġejjin għandhom jintużaw: ENTRY: L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd EXIT: L-ewwel messaġġ irreġistrat wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd POS: pożizzjonijiet mibgħuta fiż-żoni tas-sajd MANUAL: pożizzjonijiet mibgħuta manwalment f'konformità mas-sistema tal-VMS, it-taqsima C, il-paragrafu 3
Sinjal tas-sejħa bir-radju	Dettalji dwar il-bastiment — Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (IRCS)
Numru ta' referenza intern tal-parti kontraenti	Dettalji dwar il-bastiment — In-numru uniku tal-bastiment tal-parti kontraenti
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	Dettalji dwar il-bastiment — In-numru mmarkat fuq ġenb il-bastiment (ISO 8859.1)
Latitudni	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Pożizzjoni fi gradi u gradi deċimali DD.ddd (WGS-84). Koordinati pożittivi għall-pożizzjonijiet fit-Tramuntana tal-Ekwatur; koordinati negattivi għall-pożizzjonijiet fin-Nofsinhar tal-Ekwatur.
Lonġitudni	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Pożizzjoni fi gradi u gradi deċimali DD.ddd (WGS-84). Koordinati pożittivi tal-Lvant tal-meridjan ta' Greenwich; koordinati negattivi tal-Punent tal-meridjan ta' Greenwich.
Rotta	Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360°grad
Veloċità	Veloċità tal-bastiment f'mili tal-baħar
Data u ħin	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – Data u ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC skont l-istandard ISO 8601, fil-format SSSS-XX-DDThh: mm: ss [.000000]Z[2]

It-trażmissjoni tad-*data* fl-istandard UN/FLUX hija strutturata kif deskritta fid-dokument ta' implimentazzjoni pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan l-istandard.

[1] SSSS= sena; XX= xahar, inkluż l-ewwel 0 meta n-numru tax-xahar ikun inqas minn 10; JJ= jum tax-xahar, inkluż l-ewwel 0 meta n-numru tal-jum ikun inqas minn 10; T= l-ittra T tindika l-parti tas-slott tal-ħin; H24= sigħat tal-ġurnata espressi b'2 ċifri bl-użu tas-sistema ta' 24 siegħa; MI: minuti espressi f'2 ċifri; SS=sekondi espressi f'2 ċifri; [.000000]= potenzjalment frazzjonijiet ta' sekonda jistgħu jiġu inklużi mingħajr il-parentesi kwadri; Z = żona tal-ħin, li għandha tkun Z (jiġifieri UTC).

[2] SSSS= sena; XX= xahar, inkluż l-ewwel 0 meta n-numru tax-xahar ikun inqas minn 10; JJ= jum tax-xahar, inkluż l-ewwel 0 meta n-numru tal-jum ikun inqas minn 10; T= l-ittra T tindika l-parti tas-slott tal-ħin; H24= sigħat tal-ġurnata espressi b'2 ċifri bl-użu tas-sistema ta' 24 siegħa; MI: minuti espressi f'2 ċifri; SS=sekondi espressi f'2 ċifri; [.000000]= potenzjalment frazzjonijiet ta' sekonda jistgħu jiġu inklużi mingħajr il-parentesi kwadri; Z = żona tal-ħin, li għandha tkun Z (jiġifieri UTC).

Appendiċi 10 - Kwalifiki meħtieġa għall-impjieg tal-baħħara mill-Gabon abbord bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-Unjoni

L-awtoritajiet tal-Gabon għandhom jiżguraw li r-reklutaġġ tal-persunal biex jiġi impjegat fuq bastimenti tal-UE għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

1. il-baħħara għandu jkollhom mill-inqas 18-il sena;
2. il-baħħara għandu jkollhom ċertifikat mediku validu li jikkonferma li huma jinsabu f'kundizzjoni medika tajba biex iwettqu dmirijiethom fuq il-baħar. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ minn tabib kwalifikat kif xieraq;
3. il-baħħara għandhom ikunu ħadu t-tilqim meħtieġ għall-finijiet ta' prekawzjoni fil-qasam tas-saħħa fir-reġjun, u dan it-tilqim irid ikun għadu validu;
4. il-baħħara għandhom ikunu kkwalifikati f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (Konvenzjoni STCW) u jkollhom ċertifikat li juri li huma segwew, fost l-oħrajn, it-taħriġ bażiku marbut mas-sikurezza bħal dan li ġej:
   (a) it-tekniki ta' sopravivenza tal-persuni u s-sikurezza personali;
   (b) il-prevenzjoni tan-nirien u t-tifi tan-nar;
   (c) l-ewwel għajnuna bażika;
   (d) is-sikurezza personali u r-responsabbiltà soċjali; kif ukoll
   (e) il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar.
5. il-baħħara jridu jkunu jafu:
   (a) it-termini tat-tbaħħir u l-ordnijiet li normalment jintużaw fuq il-bastimenti tas-sajd;
   (b) il-perikli marbuta mal-operazzjonijiet tas-sajd;
   (c) il-kundizzjonijiet tal-funzjonament tal-bastimenti tas-sajd u l-perikli li jistgħu jqajmu;
   (d) l-irkaptu tas-sajd li jridu jużaw waqt is-sajd bit-tartaruni tal-borża u jkunu mdorrijin jużawh;
   (e) l-istabbiltà u l-ajrunavigabbiltà ta' bastiment;
   (f) l-operazzjonijiet ta' rmiġġ, ta' manipulazzjoni tal-ħbula tal-irmiġġ u l-użi rispettivi tagħhom.

ANNESS II

PROĊEDURA BIEX JIĠU APPROVATI L-EMENDI TAL-PROTOKOLL LI L-KUMITAT KONĠUNT GĦANDU JADOTTA

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta emendi tal-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 19(5) tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea u, l-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni li ssir f'isem l-Unjoni:

a) tkun konformi mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;

b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;

c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika, bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.

2) Qabel ma tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tressaqhom lill-Kunsill biżżejjed żmien qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.

3) Il-Kunsill għandu jevalwa l-konformità tal-emendi proposti mal-kriterji ddefiniti fil-punt 1 ta' dan l-Anness.

4) Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, dment li għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ma joġġezzjonawx għalihom. F'każ li jkun hemm it-tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.

5) Jekk, matul laqgħat ulterjuri tal-Kumitat Konġunt, inkluż fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, il-kwistjoni għandha terġa' titressaq lill-Kunsill, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tkun tista' tqis l-elementi ġodda.

6) Il-Kummissjoni mistiedna biex, fi żmien debitu, tieħu kull pass meħtieġ bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta xierqa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet oħrajn li ma jikkonċernawx emendi tal-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 19(5) tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea, il-pożizzjoni li l-Unjoni trid tieħu fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita f'konformità mat-Trattati u mal-prattiki ta' ħidma stabbiliti.